I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2023/588 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Marzu 2023

li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta Diċembru 2013 laqgħu t-tħejjijiet għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' komunikazzjoni governattiva bis-satellita permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Il-komunikazzjoni governattiva bis-satellita ġiet identifikata wkoll bħala waħda mill-elementi tal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2016. Il-komunikazzjoni governattiva bis-satellita għandha tikkontribwixxi għar-rispons tal-UE għat-Theddidiet Ibridi u tipprovdi appoġġ għall-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE u għall-politika tal-UE dwar l-Artiku.

(2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu 2019 enfasizzaw li l-Unjoni jeħtieġ li tkompli tiżviluppa ekonomija diġitali kompetittiva, sigura, inklużiva u etika b'konnettività ta' klassi dinjija.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2021, bit-titlu "Pjan ta' Azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju" tgħid li l-għan hu jiġi ffaċilitat l-aċċess għal konnettività b'veloċità għolja għal kull persuna fl-Ewropa u li tiġi provduta sistema ta' konnettività reżiljenti li permezz tagħha l-Ewropa tibqa' konnessa jiġri x'jiġri.

(4) "Boxxla Strateġika għal Sigurtà u Difiża" adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022 tirrikonoxxi li l-infrastruttura spazjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha tikkontribwixxi għar-reżiljenza tagħna u toffri servizzi ewlenin li jissostitwixxu jew jikkomplementaw l-infrastrutturi tal-art għat-telekomunikazzjoni. Għalhekk tappella lill-Unjoni biex taħdem fuq il-proposta għal sistema ta' komunikazzjoni sigura globali tal-Unjoni bbażata fl-ispazju.

[1] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2023.

(5) Wieħed mill-komponenti importanti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) huwa GOVSATCOM, li għandu l-għan li jiżgura d-disponibbiltà fit-tul ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita affidabbli, siguri, skalabbli u kosteffettivi għall-utenti ta' GOVSATCOM. Ir-Regolament (UE) 2021/696 jipprevedi li fl-ewwel fażi tal-komponent ta' GOVSATCOM, sa madwar l-2025, il-kapaċità eżistenti tiġi miġbura u kondiviża permezz taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha takkwista kapaċitajiet ta' GOVSATCOM mill-Istati Membri b'sistemi nazzjonali u kapaċitajiet spazjali u minn fornituri tal-komunikazzjoni kummerċjali bis-satellita jew tas-servizzi, filwaqt li tqis l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni.

F'dik l-ewwel fażi, is-servizzi ta' GOVSATCOM għandhom jiġu introdotti abbażi ta' approċċ gradwali, fid-dawl taż-żieda tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM. Dak l-approċċ huwa bbażat ukoll fuq il-premessa li jekk matul l-ewwel fażi, analiżi ddettaljata tal-provvista u tad-domanda fil-futur tiżvela li ma kienx biżżejjed biex ikopri d-domanda li tkun qed tevolvi, ser ikun neċessarju li tinbeda t-tieni fażi u li jiġu żviluppati infrastrutturi jew kapaċitajiet spazjali addizzjonali mfassla apposta permezz ta' kooperazzjoni mas-settur privat, pereżempju mal-operaturi satellitari tal-Unjoni.

(6) Fit-22 ta' Marzu 2017, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill approva l-Ħtiġijiet tal-Utenti Militari Ċivili ta' Livell Għoli għall-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM), li tħejjew mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u li magħhom ġew integrati r-rekwiżiti tal-utenti militari identifikati mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fl-Objettiv Komuni tal-Istat Maġġur tagħha adottata fl-2013 u l-ħtiġijiet tal-utenti ċivili miġbura mill-Kummissjoni. Analiżijiet sussegwenti mill-Kummissjoni wrew li l-offerta attwali tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-Unjoni, abbażi tal-kapaċitajiet mill-Istati Membri b'sistemi nazzjonali kif ukoll tas-settur privat, ma tistax tissodisfa ċerti ħtiġijiet ġodda tad-domanda governattiva li qed jimxu lejn soluzzjonijiet ta' sigurtà ogħla, latenza baxxa u kopertura globali. Jenħtieġ li dawk il-ħtiġijiet jiġu mmonitorjati u vvalutati mill-ġdid b'mod regolari.

(7) Il-progress tekniku reċenti ppermetta li jitfaċċaw kostellazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet ta' orbita mhux ġeostazzjonarja (NGSO) u gradwalment joffri servizzi ta' konnettività b'veloċità għolja u b'latenza baxxa. Għalhekk hemm opportunità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti awtorizzati mill gvernijiet billi tiġi żviluppata u implimentata infrastruttura addizzjonali peress li r-riżervi għall-frekwenzi mal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni li huma neċessarji biex jiġu pprovduti s-servizzi meħtieġa bħalissa huma disponibbli fl-Unjoni Ewropea. Jekk ma jintużawx, dawk ir-riżervi għall-frekwenzi jsiru obsoleti u jiġu attribwiti lil atturi oħra. Peress li l-frekwenzi u s-slots orbitali huma riżorsa dejjem aktar skarsa, il-Kummissjoni, permezz ta' proċess miftuħ u trasparenti mal-Istati Membri, jenħtieġ li taħtaf din l-opportunità biex tikkonkludi mal-Istati Membri li jipprovdu r-riżervi għall-frekwenzi, ftehimiet ta' liċenzjar iddedikati għall-forniment ta' servizzi governattivi bbażati fuq l-infrastruttura governattiva. Is-settur privat huwa responsabbli biex jikseb id-drittijiet fuq ir-riżervi għall-frekwenzi meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kummerċjali.

(8) Hemm domanda dejjem akbar mill-atturi governattivi tal-Unjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita bbażati fl-ispazju li jkunu siguri u affidabbli, b'mod partikolari minħabba li jkunu l-aktar għażla vijabbli fin-nuqqas ta' sistemi ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-art jew fejn jiġu mfixkla jew ma jkunux affidabbli. L-aċċess affordabbli u kosteffettiv għall-komunikazzjoni bis-satellita huwa indispensabbli wkoll f'żoni fejn ma hemm l-ebda infrastruttura terrestri, inkluż fuq l-oċeani, l-ispazju tal-ajru, f'żoni remoti u fejn l-infrastruttura terrestri tiffaċċa qtugħ serju jew ma tistax tiġi fdata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-komunikazzjoni bis-satellita tista' żżid ir-reżiljenza ġenerali tan-networks ta' komunikazzjoni, pereżempju billi toffri alternattiva fil-każ ta' attakki fiżiċi jew attakki ċibernetiċi fuq infrastruttura terrestri lokali, inċidenti jew diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem.

(9) Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura l-forniment ta' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu reżiljenti, globali, siguri, protetti, mingħajr interruzzjoni, garantiti u flessibbli għall-ħtiġijiet u r-rekwiżiti governattivi li qed jevolvu, mibnija fuq bażi teknoloġika u industrijali tal-Unjoni, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-operazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

(10) Għalhekk, huwa importanti li jiġi stabbilit programm ġdid, jiġifieri l-Programm tal-Unjoni għall-Konnettività Sigura ("il-Programm") biex jipprevedi infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-Unjoni multiorbitali bbażata fuq is-satellita għall-użu governattiv, filwaqt li jiġu integrati u komplementati l-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej eżistenti u futuri fil-qafas tal-komponent ta' GOVSATCOM, u tiġi żviluppata aktar u tiġi integrata gradwalment l-inizjattiva tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI) fis-sistema ta' konnettività sigura.

(11) Jenħtieġ li l-Programm jissodisfa l-ħtiġijiet governattivi ġodda għal soluzzjonijiet ta' sigurtà ogħla, latenza baxxa u kopertura globali. Jenħtieġ li jiżgura l-forniment u d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess globali mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni governattivi bis-satellita siguri, awtonomi, affidabbli u kosteffettivi, li jappoġġaw ir-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-azzjonijiet esterni, il-ġestjoni tal-kriżijiet, kif ukoll applikazzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija, is-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri, li jintegra u jikkomplementa l-kapaċitajiet ta' GOVSATCOM. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Programm jipprijoritizza t-twassil ta' servizzi governattivi u jippermetti l-forniment ta' servizzi kummerċjali mis-settur privat Ewropew, b'kunsiderazzjoni għal stħarriġ tas-suq li jkun jinkludi konsultazzjoni tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, permezz ta' infrastruttura kummerċjali.

(12) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistabbilixxi serje ta' objettivi u miri biex tippromwovi l-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali reżiljenti, siguri, effiċjenti u sostenibbli fl-Unjoni filwaqt li tinkludi mira diġitali għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri li tinkiseb konnettività tal-gigabits għal kulħadd sal-2030. Jenħtieġ li l-Programm jiffaċilita l-konnettività madwar l-Unjoni u madwar id-dinja, għaċ-ċittadini u n-negozji, inkluż, iżda mhux biss, l-għoti ta' aċċess għal broadband b'veloċità għolja affordabbli li jista' jgħin biex jitneħħew ż-żoni mejta għall-komunikazzjoni u tiżdied il-koeżjoni madwar l-Unjoni, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, iż-żoni rurali, periferiċi, remoti u iżolati tagħha u l-gżejjer. Is-servizzi satellitari attwalment ma jistgħux jissostitwixxu l-prestazzjoni tan-networks ibbażati fuq l-art iżda jistgħu jnaqqsu d-distakk diġitali u saħansitra jikkontribwixxu, fejn applikabbli, għall-objettivi ġenerali tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(13) Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkonsisti fid-definizzjoni, it-tfassil, l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali u tal-art inizjali, meħtieġa għall-forniment tal-ewwel servizzi governattivi. Jenħtieġ li l-Programm imbagħad ikun jinvolvi attivitajiet ta' implimentazzjoni gradwali mmirati lejn it-tlestija kemm tal-infrastruttura spazjali kif ukoll dik tal-art meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi avvanzati, li bħalissa mhumiex disponibbli u li huma lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tas-servizzi Ewropej eżistenti ta' komunikazzjoni bis-satellita. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi l-iżvilupp ta' terminals tal-utenti li jkunu kapaċi jisfruttaw is-servizzi ta' komunikazzjoni avvanzati. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' sfruttament jibdew mill-aktar fis possibbli bil-forniment tal-ewwel servizzi governattivi mmirati sal-2024, sabiex il-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet jiġu ssodisfati kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Programm imbagħad jinvolvi attivitajiet mmirati lejn it-tlestija kemm tal-infrastruttura spazjali kif ukoll dik tal-art meħtieġa għal kapaċità operazzjonali sħiħa sal-2027. Jenħtieġ li l-forniment ta' servizzi governattivi, l-operat, il-manutenzjoni u t-titjib kontinwu tal-infrastruttura spazjali u tal-art, ladarba implimentata, kif ukoll l-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet futuri tas-servizzi governattivi, ikunu parti mill-attivitajiet ta' sfruttament.

(14) F'Ġunju 2019, l-Istati Membri ffirmaw id-Dikjarazzjoni dwar l-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI) (id-"Dikjarazzjoni"), fejn qablu li jaħdmu flimkien, mal-Kummissjoni u bl-appoġġ tal-ESA, lejn l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika li tkopri l-Unjoni kollha. F'konformità mad-Dikjarazzjoni, l-EuroQCI għandha l-għan li timplimenta infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika sigura ċċertifikata minn tarf sa tarf, li tippermetti li l-informazzjoni u d-*data* jiġu trażmessi u maħżuna u li tkun kapaċi tgħaqqad l-assi kritiċi ta' komunikazzjoni pubblika madwar l-Unjoni. Il-Programm ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tad-Dikjarazzjoni billi jiżviluppa infrastruttura spazjali u tal-art tal-EuroQCI integrata fl-infrastruttura governattiva tal-Programm, kif ukoll billi jiżviluppa u jimplimenta l-infrastruttura terrestri tal-EuroQCI, li ser tkun proprjetà tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-infrastruttura spazjali, tal-art u dik terrestri tal-EuroQCI tiġi żviluppata fi ħdan il-Programm f'żewġ fażijiet prinċipali, fażi ta' validazzjoni preliminari, li tista' tinvolvi

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali 2030 (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' diversi teknoloġiji u protokolli ta' komunikazzjoni differenti, u fażi sħiħa ta' implimentazzjoni, li tinkludi soluzzjonijiet xierqa għall-konnettività intersatellitari u t-trażmissjoni tad-*data* bejn is-satelliti, l-art u l-infrastruttura terrestri.

(15) Waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-EuroQCI ser tkun li tippermetti d-distribuzzjoni kwantistika ta' kjavi kriptografiċi (QKD). Sal-lum, it-teknoloġija u l-prodotti tal-QKD mhumiex maturi biżżejjed biex jintużaw għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE). Il-kwistjonijiet ewlenin li jikkonċernaw is-sigurtà tal-QKD, bħall-istandardizzazzjoni tal-protokolli tal-QKD, l-analiżi tal-kanali laterali u l-metodoloġija tal-evalwazzjoni, għadhom iridu jiġu solvuti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-EuroQCI u jippermetti l-inklużjoni ta' prodotti kriptografiċi approvati fl-infrastruttura meta jkunu disponibbli.

(16) Sabiex l-IKUE tiġi protetta b'mod sodisfaċenti u sigur, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet primarji biex jiġi miġġieled it-theddid maħluq mill-computing kwantistiku jkunu l-kombinazzjoni ta' soluzzjonijiet konvenzjonali, kriptografija postkwantistika u possibbilment QKD f'approċċi ibridi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm juża tali approċċi, bl-għan li jiżgura kemm kriptografija tal-ogħla livell kif ukoll distribuzzjoni ta' kjavi.

(17) Sabiex jiġu estiżi l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita tal-Unjoni, jenħtieġ li l-infrastruttura tal-Programm tkun ibbażata fuq, tintegra u tikkumplimenta l-infrastruttura żviluppata għall-finijiet tal-komponent ta' GOVSATCOM. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-infrastruttura tal-art tal-Programm tkun ibbażata fuq iċ-Ċentri ta' GOVSATCOM, kif miżjuda progressivament abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti permezz ta' assi oħra tas-segment tal-art, inkluż dawk tal-Istati Membri li lesti jikkontribwixxu addizzjonalment, abbażi ta' rekwiżiti operazzjonali u ta' sigurtà.

(18) Jenħtieġ li l-Programm itejjeb il-konnettività sigura fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku, bħall-Afrika u l-Artiku, kif ukoll il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, ir-reġjuni tal-Mediterran u l-Atlantiku. Jenħtieġ li s-servizzi pprovduti skont il-Programm jikkontribwixxu wkoll għar-reżiljenza ġeopolitika billi joffru konnettività addizzjonali f'konformità mal-miri ta' politika f'dawk ir-reġjuni u mal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titlu "Il-Global Gateway".

(19) Mingħajr preġudizzju għas-servizz ta' komunikazzjoni, is-satelliti mibnija għall-finijiet tal-Programm jistgħu jiġu mgħammra b'subsistemi, inkluż tagħbijiet utli, li jistgħu jippermettu ż-żieda tal-kapaċità u s-servizzi tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tas-servizzi mhux ta' komunikazzjoni addizzjonali li għandhom jiġu deċiżi mill-kumitat tal-Programm li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni rilevanti, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/696, u implimentati taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jekk il-benefiċċju għall-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni jiġi stabbilit kif xieraq, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti u r-restrizzjonijiet baġitarji, dawk is-subsistemi jistgħu jiġu żviluppati biex joffru servizzi alternattivi ta' pożizzjonament, navigazzjoni u kronometraġġ li jikkomplementaw lil Galileo, biex jiġi żgurat ix-xandir ta' messaġġi bis-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) b'latenza aktar baxxa, jiġu pprovduti sensuri bbażati fuq l-ispazju għas-sorveljanza spazjali u jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet attwali ta' Copernicus, b'mod partikolari għas-servizzi ta' emerġenza u ta' sigurtà ċivili. Barra minn hekk, dawk is-subsistemi jistgħu jipprovdu servizzi mhux ta' komunikazzjoni lis-sistemi tal-Istati Membri, bil-kondizzjoni li dan ma jkollux impatt fuq is-sigurtà u l-baġit tal-Programm.

(20) Meta titqies l-importanza għall-Programm tal-infrastruttura governattiva tal-art tiegħu u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà tiegħu, jenħtieġ li l-pożizzjoni ta' tali infrastruttura tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni, f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà u wara proċess miftuħ u trasparenti, bil-ħsieb li tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata fost l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tal-infrastruttura governattiva tal-art tal-Programm, li tintegra wkoll l-infrastruttura żviluppata taħt il-komponent ta' GOVSATCOM, tista' tinvolvi lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") jew, fejn xieraq u fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tagħha, lill-ESA.

(21) Huwa vitali għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u għall-iżgurar tas-sigurtà u l-integrità tas-servizzi governattivi, li l-assi spazjali tal-Programm jiġu mnedija mit-territorju tal-Unjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u sostanzjati kif xieraq, jenħtieġ li jkun possibbli li tali llanċjar isir mit-territorju ta' pajjiż terz. Minbarra lanċjaturi tqal u medji, lanċjaturi żgħar u mikrolanċjaturi jistgħu jipprovdu flessibbiltà addizzjonali biex jippermettu skjerament rapidu tal-assi spazjali.

(22) Huwa importanti li l-Unjoni jkollha fil-pussess tagħha l-assi tanġibbli u intanġibbli kollha relatati mal-infrastruttura governattiva żviluppata taħt il-Programm, ħlief l-infrastruttura terrestri tal-EuroQCI, filwaqt li tiżgura l-konformità tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-Artikolu 17 tagħha. Jenħtieġ li minkejja s-sjieda mill-Unjoni ta' dawk l-assi, ikun possibbli għall-Unjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament u, fejn jitqies xieraq fuq valutazzjoni ta' każ b'każ, li dawk l-assi jsiru disponibbli għal partijiet terzi jew li jiġu mneħħija.

(23) Inizjattivi fl-Unjoni kollha, bħall-inizjattiva ta' konnettività sigura, huma msawra mill-parteċipazzjoni wiesgħa ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), negozji ġodda u intrapriżi kbar mis-settur spazjali upstream u downstream madwar l-Unjoni. F'dawn l-aħħar snin, xi atturi spazjali sfidaw is-settur spazjali, b'mod partikolari n-negozji ġodda u l-SMEs li żviluppaw teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali innovattivi u mmexxija mis-suq, xi drabi b'mudelli ta' negozju differenti. Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Programm jimmassimizza l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela, kif ukoll mudelli ta' negozju ġodda żviluppati mill-ekosistema spazjali Ewropea, inkluż New Space, b'mod partikolari minn SMEs, minn kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u minn negozji ġodda li jiżviluppaw teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali ġodda xprunati mis-suq, filwaqt li tkun koperta l-katina tal-valur spazjali kollha li tinkludi s-segment upstream u dak downstream.

(24) Huwa essenzjali li jiġi mħeġġeġ l-investiment mis-settur privat permezz ta' akkwist u aggregazzjoni xierqa ta' kuntratti ta' servizz, biex b'hekk titnaqqas l-inċertezza u jiġu pprovduti viżibilità u prevedibbiltà fit-tul tal-ħtiġijiet tas-servizzi tas-settur pubbliku. Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea fil-futur, jenħtieġ ukoll li l-Programm jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet avvanzati f'oqsma relatati mal-ispazju u jappoġġa lill-attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll jippromwovi opportunitajiet indaqs, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ taċ-ċittadini tal-Unjoni f'dak il-qasam.

(25) F'konformità mal-objettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titlu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", jenħtieġ li l-Programm jimminimizza, sa fejn ikun possibbli, l-impatt ambjentali tiegħu. Filwaqt li l-assi fl-ispazju huma nfushom ma jarmux gassijiet serra waqt li jkunu qed jintużaw, il-manifattura tagħhom u l-faċilitajiet tal-art assoċjati għandhom impatt ambjentali. Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri biex jiġi mitigat dak l-impatt. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-akkwist imsemmi taħt il-Programm jinkludi prinċipji u miżuri dwar is-sostenibbiltà, bħal dispożizzjonijiet biex jiġu minimizzati u kkumpensati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mill-iżvilupp, il-produzzjoni u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura, u miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis tad-dawl, bħall-impatt fuq osservazzjonijiet astronomiċi bbażati fuq l-art.

(26) Minħabba l-għadd dejjem jikber ta' inġenji spazjali u residwi spazjali fl-orbita, jenħtieġ li l-kostellazzjoni Ewropea l-ġdida tissodisfa wkoll il-kriterji tas-sostenibbiltà tal-ispazju u tkun eżempju ta' prattiki tajba fil-ġestjoni tat-traffiku spazjali u fis-sorveljanza u insegwiment fl-ispazju (SST), sabiex jitnaqqas l-ammont ta' residwi spazjali, jiġu evitati ħsarat fl-orbita u kolliżjoni fl-orbita, u jiġu pprovduti miżuri xierqa għat-tmiem tal-ħajja tal-inġenji spazjali. Peress li tħassib leġittimu dwar il-protezzjoni tal-ambjent spazjali li qed jiġi diskuss f'fora internazzjonali, bħal fil-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju, huwa ta' importanza assoluta li l-Unjoni turi tmexxija fis-sostenibbiltà spazjali. Jenħtieġ li l-kuntratti akkwistati taħt il-Programm jiżguraw li t-teknoloġija użata tippermetti l-ogħla standards possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibbiltà, kif ukoll l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi.

(27) Jenħtieġ li r-rekwiżiti operazzjonali għas-servizzi governattivi jkunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, filwaqt li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet tal-offerti attwali tas-suq. Meta jiġu vvalutati dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li l-kapaċitajiet attwali tas-suq jintużaw kemm jista' jkun possibbli. Minn dawk ir-rekwiżiti operazzjonali, flimkien mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà u d-domanda li qed tevolvi tas-servizzi governattivi, jenħtieġ li jiġi żviluppat il-portafoll għas-servizzi governattivi. Jenħtieġ li dak il-portafoll tas-servizzi jistabbilixxi l-linja bażi applikabbli għas-servizzi governattivi. Jenħtieġ li jidentifika wkoll il-kategoriji tas-servizzi li jikkomplementaw il-portafoll tas-servizzi ta-servizzi ta' GOVSATCOM stabbilit fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza u l-koerenza tar-rekwiżiti operazzjonali u tas-sigurtà bejn il-komponent ta' GOVSATCOM u l-Programm. Sabiex tinżamm l-aqwa konkordanza possibbli bejn id-domanda u s-servizzi pprovduti, jenħtieġ li l-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi jiġi identifikat fl-2023 u jenħtieġ li jkun jista' jiġi aġġornat regolarment, wara konsultazzjoni tal-Istati Membri, abbażi ta' dawk ir-rekwiżiti operazzjonali u ta' sigurtà.

(28) Il-komunikazzjonijiet bis-satellita mhumiex riżorsa infinita u huma limitati mill-kapaċità satellitari, mill-frekwenza u mill-kopertura ġeografika. Għaldaqstant, sabiex ikun kosteffettiv u jikkapitalizza fuq l-ekonomiji ta' skala, jenħtieġ li l-Programm jottimizza l-konkordanza bejn il-provvista u d-domanda tas-servizzi governattivi u jevita kapaċità żejda. Peress li d-domanda u l-provvista potenzjali t-tnejn jinbidlu maż-żmien, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-ħtiġijiet biex taġġusta l-portafoll għas-servizzi governattivi kull meta dan jidher li jkun meħtieġ.

(29) Jenħtieġ li l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE, kif ukoll l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni jkunu jistgħu jsiru parteċipanti tal-Programm, skont ma jagħżlu li jawtorizzaw utenti ta' servizzi governattivi jew jipprovdu kapaċitajiet, siti jew faċilitajiet. Meta wieħed iqis li hija f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedi jekk jawtorizzax utenti nazzjonali tas-servizzi governattivi, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati jikkontribwixxu għall-Programm jew jospitaw l-infrastruttura tal-Programm.

(30) Jenħtieġ li kull parteċipant tal-Programm jiddeżinja awtorità kompetenti għal konnettività sigura biex timmonitorja jekk l-utenti, u entitajiet nazzjonali oħra li għandhom rwol fil-Programm, jikkonformawx mar-regoli u l-proċeduri ta' sigurtà applikabbli, kif stabbilit fir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà. Il-parteċipanti tal-Programm jistgħu jassenjaw il-funzjonijiet ta' tali awtorità lil awtorità eżistenti.

(31) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-Programm, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([5]), għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(32) L-objettivi tal-Programm huma konsistenti u komplementari ma' dawk ta' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 ([7]), il-Programm Ewropa Diġitali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u, b'mod partikolari, il-Programm Spazjali tal-Unjoni.

(33) Orizzont Ewropa ser jalloka sehem dedikat mill-komponenti tiegħu tar-Raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju" għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-iżvilupp u l-validazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura, inkluż għat-teknoloġiji potenzjali li jiġu żviluppati taħt l-ekosistema spazjali, inkluż Spazju Ġdid. L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI) ser jalloka sehem dedikat tal-fondi ta' Ewropa Globali tiegħu għal attivitajiet relatati mal-operat tas-sistema ta' konnettività sigura. u mal-forniment ta' servizzi mad-dinja kollha, u dan ser jagħmilha possibbli li jiġu offruti

([5]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU L 167 I, 12.5.2021, p. 1).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

firxa ta' servizzi lis-sħab internazzjonali. Il-Programm Spazjali tal-Unjoni ser jalloka sehem dedikat tal-komponent ta' GOVSATCOM għall-attivitajiet relatati mal-iżvilupp taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM li ser jifforma parti mill-infrastruttura tal-art tas-sistema ta' konnettività sigura. Jenħtieġ li l-finanzjament li joriġina minn dawn il-programmi jiġi implimentat f'konformità mar-regoli ta' dawn il-programmi.

(34) Minħabba l-implikazzjonijiet inerenti tiegħu fuq is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Programm jikkondividi wkoll objettivi u prinċipji mal-Fond Ewropew għad-Difiża, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]). Jenħtieġ li għalhekk, parti mill-finanzjament mill-Fond Ewropew għad-Difiża tiġi pprovduta biex tiffinanzja l-attivitajiet taħt il-Programm, b'mod partikolari l-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-infrastruttura tiegħu.

(35) Sabiex jiġi żgurat li l-Programm jiġi implimentat b'suċċess, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm riżorsi biżżejjed disponibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkontribwixxu bil-kompetenza teknika, bl-għarfien espert u bl-assistenza tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà, jew, fejn xieraq u possibbli, billi jagħmlu disponibbli għall-Programm id-data, l-informazzjoni, is-servizzi u l-infrastruttura li jinsabu fit-territorju tagħhom. Jenħtieġ li l-Programm ikun kapaċi jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali jew kontribuzzjonijiet in natura minn partijiet terzi, inkluż aġenziji u korpi tal-Unjoni, Stati Membri, pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm jew organizzazzjonijiet internazzjonali, f'konformità mal-ftehimiet rilevanti.

(36) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għall-Programm. Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni.

(37) F'konformità mal-Artikolu 191(3) tar-Regolament Finanzjarju, fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jiġu ffinanzjati darbtejn l-istess kostijiet mill-baġit tal-Unjoni.

(38) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirrikorri, kif meħtieġ u sa fejn ikun neċessarju, għall-assistenza teknika ta' ċerti partijiet esterni, dment li l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni jiġu ppreżervati. Jenħtieġ li entitajiet oħra involuti fil-governanza pubblika tal-Programm ikunu jistgħu ukoll jużaw l-istess assistenza teknika fit-twettiq tal-kompiti inkarigati lilhom skont dan ir-Regolament.

(39) Jenħtieġ li l-kuntratti pubbliċi konklużi taħt il-Programm għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni. Jenħtieġ li f'dak il-kuntest, l-Unjoni tkun responsabbli wkoll għad-definizzjoni tal-objettivi li jridu jintlaħqu fir-rigward tal-akkwist pubbliku.

(40) Il-Programm jiddependi fuq teknoloġiji kumplessi u li jinbidlu b'mod kostanti. Id-dipendenza fuq tali teknoloġiji tirriżulta f'inċertezza u f'riskji għall-kuntratti pubbliċi konklużi taħt il-Programm, peress li dawk il-kuntratti jinvolvu impenji fit-tul għat-tagħmir jew is-servizzi. Għalhekk, minbarra r-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, huma meħtieġa miżuri speċifiċi li jikkonċernaw il-kuntratti pubbliċi. Jenħtieġ, għalhekk, li jkun possibbli li jiġi impost livell minimu ta' sottokuntrattar. Jenħtieġ li fir-rigward ta' dan tal-aħħar, tingħata prijorità, fejn possibbli, lin-negozji ġodda u lill-SMEs, b'mod partikolari sabiex tkun faċilitata l-parteċipazzjoni transfruntiera tagħhom.

(41) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm, huwa importanti li, fejn ikun xieraq, wieħed ikun jista' jibbaża fuq il-kapaċitajiet offruti mill-entitajiet pubbliċi u privati tal-Unjoni li jkunu attivi fil-qasam spazjali, u li jkun jista' jaħdem ukoll fil-livell internazzjonali ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal dik ir-raġuni, jeħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li jintużaw l-għodod u l-metodi ta' ġestjoni rilevanti kollha previsti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mir-Regolament Finanzjarju u proċeduri konġunti tal-akkwist.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

([12]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(42) Il-kooperazzjoni pubblika-privata hija l-aktar skema xierqa biex biha jiġi żgurat li l-objettivi tal-Programm ikunu jistgħu jiġu segwiti. Jenħtieġ li tippermetti li wieħed jibni fuq il-bażi teknoloġika u industrijali eżistenti tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-Unjoni, inkluż l-assi privati, u tipprovdi servizzi governattivi robusti u innovattivi, u tippermetti lis-sħab privati jikkomplementaw l-infrastruttura tal-Programm b'kapaċitajiet addizzjonali biex joffru servizzi kummerċjali bil-kundizzjonijiet tas-suq permezz ta' investimenti proprji addizzjonali. Barra minn hekk, jenħtieġ li skema bħal din tottimizza l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u tal-operat billi tikkondividi l-ispejjeż tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni fuq komponenti komuni kemm għall-infrastrutturi governattivi kif ukoll għal dawk kummerċjali, kif ukoll għall-ispejjeż operazzjonali billi tippermetti livell għoli ta' mutwalizzazzjoni tal-kapaċità. Jenħtieġ li tistimula wkoll l-innovazzjoni fl-ekosistema spazjali Ewropea, inkluż Spazju Ġdid, billi tippermetti l-kondiviżjoni tar-riskji tar-riċerka u l-iżvilupp bejn is-sħab pubbliċi u dawk privati.

(43) Għall-implimentazzjoni tal-Programm, jenħtieġ li l-kuntratti ta' konċessjoni, il-provvista, is-servizzi, il-kuntratti ta' xogħlijiet jew il-kuntratti mħallta jsegwu l-prinċipji ewlenin. Jenħtieġ li tali kuntratti jistabbilixxi distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn is-sħab pubbliċi u privati, inkluż allokazzjoni ċara tar-riskji bejniethom, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kuntratturi jassumu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas li huma responsabbli għalih. Jenħtieġ li l-kuntratti jiżguraw li l-kuntratturi ma jirċevux kumpens żejjed għall-forniment ta' servizzi governattivi, jippermettu li l-forniment ta' servizzi kummerċjali jiġi stabbilit mis-settur privat u jiżguraw prijoritizzazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet. Jenħtieġ li l-kuntratti jiżguraw li l-forniment ta' servizzi bbażati fuq infrastruttura kummerċjali jippreżerva l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm. Huwa għalhekk importanti li jkun hemm miżuri fis-seħħ biex jiżguraw li dawk l-interessi essenzjali u l-objettivi jiġu ppreżervati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kontinwità tas-servizz fil-każ li l-kuntrattur ma jkunx jista' jaqdi l-obbligi tiegħu.

Jenħtieġ li l-kuntratti jinkludu salvagwardji adegwati biex jipprevjenu, fost l-oħrajn, kunflitti ta' interess u distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi kummerċjali, diskriminazzjoni bla bżonn jew kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu s-separazzjoni tal-kontijiet bejn is-servizzi governattivi u kummerċjali, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment għall-forniment ta' servizzi governattivi, kif ukoll aċċess miftuħ, ġust, raġonevoli u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġ għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Jenħtieġ li għalhekk, is-servizzi kummerċjali jkunu disponibbli għall-fornituri tas-servizzi terrestri eżistenti b'kondizzjonijiet trasparenti u mhux diskriminatorji. Jenħtieġ li l-kuntratti jrawmu l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs tul il-katina tal-valur kollha u fl-Istati Membri.

(44) Objettiv importanti tal-Programm huwa li jiżgura s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u li jsaħħaħ ir-reżiljenza fit-teknoloġiji ewlenin u fil-ktajjen tal-valur, filwaqt li jippreżerva ekonomija miftuħa. F'każijiet speċifiċi, dak l-objettiv jirrikjedi li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà u l-parteċipazzjoni, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-integrità, is-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan ma jdgħajjifx il-ħtieġa ta' kompetittività u kosteffettività.

(45) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95 ([14]), (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([15]) u (UE) 2017/1939 ([16]), l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet inkluż frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom)

([13]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([15]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([16]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

Nru 883/2013 l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]).

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa, lill-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(46) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jeħtieġ li pajjiżi terzi jintalbu jagħtu d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa għall-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, għall-OLAF u għall-Qorti tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

(47) Jenħtieġ li sabiex jiġu ottimizzati l-effiċjenza u l-impatt tal-Programm, jittieħdu azzjonijiet li jippromwovu l-użu u l-iżvilupp ta' standards miftuħa, teknoloġiji b'sors miftuħ u l-interoperabbiltà fl-arkitettura tas-sistema ta' konnettività sigura. Kunċett aktar miftuħ ta' dik is-sistema jista' jippermetti sinerġiji aħjar ma' komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni jew servizzi u applikazzjonijiet nazzjonali, jottimizza l-ispejjeż billi jevita d-duplikazzjoni fl-iżvilupp tal-istess teknoloġija, itejjeb l-affidabbiltà, irawwem l-innovazzjoni u jaħsad il-benefiċċji ta' kompetizzjoni wiesgħa.

(48) Governanza pubblika tajba tal-Programm tirrikjedi d-distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti fost l-atturi differenti involuti biex tiġi evitata duplikazzjoni bla ħtieġa u biex jitnaqqsu l-kostijiet li jaqbżu l-baġit u d-dewmien. Jenħtieġ li l-atturi kollha tal-governanza jsostnu, fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tagħhom u skont ir-responsabbiltajiet tagħhom, il-kisba tal-objettivi tal-Programm.

(49) L-Istati Membri ilhom attivi fil-qasam tal-ispazju. Għandhom sistemi, infrastruttura, aġenziji u korpi nazzjonali f'dak il-qasam. Għalhekk, jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-Programm, speċjalment għall-implimentazzjoni tiegħu. Huma jistgħu jikkooperaw mal-Unjoni biex jippromwovu s-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-Programm u jiżguraw koerenza bejn l-inizjattivi nazzjonali rilevanti u l-Programm. Il-Kummissjoni tista' tkun f'pożizzjoni li timmobilizza l-mezzi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tibbenefika mill-assistenza tagħhom u, soġġett għal kondizzjonijiet maqbula reċiprokament, tinkariga lill-Istati Membri b'kompiti fl-implimentazzjoni tal-Programm. Fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għan li jiżguraw il-koerenza u l-komplementarjetà tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom mal-Programm. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-art li tinsab fit-territorji tagħhom. Minbarra dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw li l-frekwenzi meħtieġa għall-Programm ikunu disponibbli u protetti fil-livell adegwat sabiex ikun hemm lok għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni sħaħ tal-applikazzjonijiet abbażi tas-servizzi offruti, f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]). Jenħtieġ li l-frekwenzi disponibbli għall-Programm ma jkollhom l-ebda impatt finanzjarju fuq il-Programm.

(50) F'konformità mal-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u bħala promotur tal-interess ġenerali tal-Unjoni, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li timplimenta l-Programm, tassumi responsabbiltà ġenerali u tippromwovi l-użu tiegħu. Jenħtieġ li sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tad-diversi partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni f'ċirkostanzi ġustifikabbli tkun tista' tinkariga lil entitajiet oħra b'ċerti kompiti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali prinċipali meħtieġa biex tiġi implimentata l-evoluzzjoni tas-sistemi u tas-servizzi. Jenħtieġ li tagħmel dan wara li tikkonsulta lill-esperti tal-Istati Membri, lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati pubbliċi jew privati rilevanti oħra. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 4(3)

([17]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

([18]) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

TFUE, l-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni ma jirriżultax f'impediment għall-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Madankollu, biex isir użu tajjeb mill-fondi tal-Unjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiżgura, kemm jista' jkun, il-konsistenza tal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm, ma' dawk tal-Istati Membri, mingħajr ma toħloq kwalunkwe duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi.

(51) L-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li, abbażi tar-riżultati ta' valutazzjoni ex ante, il-Kummissjoni trid tkun tista' tiddependi fuq is-sistemi u l-proċeduri tal-persuni jew tal-entitajiet inkarigati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni. Jekk ikun meħtieġ, jenħtieġ li fil-ftehim ta' kontribuzzjoni korrispondenti jiġu definiti aġġustamenti speċifiċi għal dawk is-sistemi u l-proċeduri (miżuri ta' superviżjoni), kif ukoll l-arranġamenti għall-kuntratti eżistenti.

(52) Minħabba l-kopertura tiegħu mad-dinja kollha, il-Programm għandu dimensjoni internazzjonali b'saħħitha. Is-sħab internazzjonali, il-gvernijiet u ċ-ċittadini tagħhom ser ikunu riċevituri tal-firxa ta' servizzi tal-Programm b'benefiċċji akkumulati għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri ma' dawk is-sħab. Għal kwistjonijiet relatati mal-Programm, il-Kummissjoni tista' tikkoordina, fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tagħha u f'isem l-Unjoni, l-attivitajiet fix-xena internazzjonali.

(53) Filwaqt li tibni fuq l-għarfien espert żviluppat f'dawn l-aħħar snin fil-ġestjoni, fl-operat u fil-forniment ta' servizzi relatati mal-komponenti Galileo u EGNOS tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, l-Aġenzija hija l-aktar korp xieraq biex jimplimenta, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, il-kompiti relatati mal-operat tal-infrastruttura governattiva u l-forniment ta' servizzi governattivi. Għalhekk jenħtieġ li tiżviluppa aktar kapaċitajiet rilevanti għal dak l-għan. Jenħtieġ li l-Aġenzija mbagħad tiġi inkarigata bil-forniment ta' servizzi governattivi u jenħtieġ li tkun tista' tiġi inkarigata bit-tmexxija operattiva kollha tal-infrastruttura governattiva jew ta' parti minnha.

(54) Fir-rigward tas-sigurtà, u minħabba l-esperjenza tagħha f'dan il-qasam, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun responsabbli biex tiżgura, permezz tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tagħha, l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-servizzi u l-infrastruttura governattivi. Barra minn hekk, soġġett għall-prontezza operattiva tal-Aġenzija, b'mod partikolari f'termini ta' livelli adegwati ta' riżorsi umani, jenħtieġ li l-Aġenzija twettaq il-kompiti inkarigati lilha mill-Kummissjoni. Fejn possibbli, jenħtieġ li l-Aġenzija tisfrutta l-għarfien espert tagħha, pereżempju, fl-attivitajiet tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita (EGNSS). Meta l-Aġenzija tiġi inkarigata b'kompiti, jenħtieġ li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha r-riżorsi umani, amministrattivi u finanzjarji adegwati biex l-Aġenzija tkun tista' twettaq kompletament il-kompiti u l-missjonijiet tagħha.

(55) Sabiex jiġi żgurat l-operat tal-infrastruttura governattiva u jiġi ffaċilitat il-forniment tas-servizzi governattivi, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla tinkariga, permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, attivitajiet speċifiċi lil entitajiet oħra, fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettiva tagħhom, skont il-kondizzjonijiet tal-ġestjoni indiretta li japplikaw għall-Kummissjoni kif stabbilit fir-Regolament Finanzjarju.

(56) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam tal-ispazju, inkluż fil-komunikazzjoni bis-satellita, u għalhekk hija sieħeb importanti fl-implimentazzjoni tal-aspetti differenti tal-politika spazjali tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-ESA tkun tista' tipprovdi għarfien espert lill-Kummissjoni, inkluż għat-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-Programm. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ESA tiġi inkarigata bis-superviżjoni tal-attivitajiet ta' żvilupp u validazzjoni tal-Programm, u tappoġġa l-evalwazzjoni tal-kuntratti konklużi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm.

(57) Minħabba l-importanza tal-attivitajiet marbuta mal-ispazju għall-ekonomija tal-Unjoni u għall-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni, jenħtieġ li l-kisba u ż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà jkunu prijorità ewlenija għall-Programm, b'mod partikolari sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata.

(58) Minħabba l-għarfien espert speċifiku tas-SEAE u l-kuntatt regolari tiegħu mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, jenħtieġ li s-SEAE jassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' ċerti kompiti relatati mas-sigurtà tal-Programm fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE ([19]).

([19]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

(59) Jenħtieġ li mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, kif previst fl-Artikolu 4(2) tat-TUE, u għad-dritt tal-Istati Membri li jipproteġu l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom f'konformità mal-Artikolu 346 TFUE, tiġi stabbilita governanza speċifika ta' sigurtà li tiżgura implimentazzjoni bla xkiel tal-Programm. Jenħtieġ li dik il-governanza tkun ibbażata fuq tliet prinċipji ewlenin. L-ewwel nett, huwa importanti li l-esperjenza unika u estensiva tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' sigurtà titqies kemm jista' jkun. It-tieni, sabiex ikun hemm prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u ta' kwalunkwe nuqqas fl-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sigurtà, jenħtieġ li l-funzjonijiet operazzjonali jkunu segregati mill-funzjonijiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà. It-tielet, l-entità responsabbli għall-ġestjoni tal-infrastruttura kollha tal-Programm jew ta' parti minnha hija wkoll l-aktar waħda adattata biex tiggestixxi s-sigurtà tal-kompiti inkarigati lilha. Is-sigurtà tal-Programm tibni fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE matul is-snin li għaddew. Governanza tajba tas-sigurtà tirrikjedi wkoll li r-rwoli jiġu distribwiti b'mod xieraq fost id-diversi atturi. Minħabba li hija responsabbli għall-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, tiddetermina flimkien mal-Istati Membri r-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà applikabbli għall-Programm. B'mod partikolari fil-qasam tal-informazzjoni klassifikata, jenħtieġ li l-governanza tas-sigurtà tal-Programm tirrifletti r-rwoli u l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tal-Kunsill u tal-Istati Membri fl-evalwazzjoni u l-approvazzjoni ta' prodotti kriptografiċi għall-protezzjoni ta' IKUE.

(60) Iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà fiżika tal-infrastruttura tal-Programm, kemm tal-art kif ukoll spazjali, kif ukoll ir-ridondanza fiżika tiegħu, huma kruċjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz u tal-operazzjonijiet tas-sistema. Meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà jenħtieġ għalhekk li titqies b'mod xieraq il-ħtieġa li jiġu protetti s-sistema u s-servizzi tagħha kontra attakki ċibernetiċi u theddid għas-satelliti, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u billi jiġu appoġġati ir-rispons għal tali attakki u l-irkupru minnhom.

(61) Fejn xieraq, wara l-analiżi tar-riskju u tat-theddid, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika struttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà. Jenħtieġ li dik l-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà tkun l-entità li twieġeb għall-istruzzjonijiet żviluppati fl-ambitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 ([20]).

(62) Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, it-tnejn li huma fil-qasam rispettiv ta' kompetenza tagħhom, jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tal-Programm f'konformità ma' dan ir-Regolament u, fejn ikun rilevanti, mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/698.

(63) Is-servizzi governattivi pprovduti mill-Programm ser jintużaw mill-atturi governattivi tal-Unjoni f'missjonijiet u operazzjonijiet kritiċi għas-sigurtà, id-difiża u s-sikurezza, kif ukoll għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika. Għalhekk, jenħtieġ li tali servizzi u infrastruttura jkunu soġġetti għal akkreditazzjoni tas-sigurtà.

(64) Huwa indispensabbli li l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà jitwettqu abbażi ta' responsabbiltà kollettiva għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, billi kull attur jagħmel l-almu tiegħu biex jibni kunsens u billi jiġu involuti dawk kollha kkonċernati bil-kwistjoni tas-sigurtà, u li titpoġġa fis-seħħ proċedura għall-monitoraġġ permanenti tar-riskju. Huwa wkoll neċessarju li l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni teknika tas-sigurtà jiġu mwettqa minn professjonisti li huma kwalifikati kif xieraq fil-qasam tal-akkreditazzjoni tas-sistemi kumplessi u li għandhom livell adegwat ta' approvazzjoni tas-sigurtà.

(65) Skont l-Artikolu 17 TUE, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni ta' programmi li, f'konformità mar-regoli stipulati fir-Regolament Finanzjarju, jistgħu jiġu sottodelegati lil partijiet terzi, taħt ġestjoni indiretta. F'dak il-kuntest, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tiżgura li l-kompiti mwettqa minn partijiet terzi għall-implimentazzjoni tal-Programm taħt ġestjoni indiretta ma jdgħajfux is-sigurtà tal-Programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll ta' informazzjoni klassifikata. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li fejn il-Kummissjoni tinkariga lill-ESA biex twettaq kompiti skont il-Programm, il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni korrispondenti jridu jiżguraw li l-informazzjoni klassifikata ġġenerata mill-ESA titqies bħala IKUE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([21]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([22]) u maħluqa taħt l-awtorità tal-Kummissjoni.

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li thassar id-Deċiżjoni 2014/496/PESK (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 178).

([21]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

([22]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

(66) Is-servizzi governattivi tal-Programm jistgħu jintużaw f'missjonijiet u f'operazzjonijiet kritiċi tas-sigurtà u s-sikurezza mill-atturi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Għalhekk, sabiex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, huma meħtieġa miżuri biex jiġi żgurat livell neċessarju ta' nondipendenza fuq partijiet terzi (pajjiżi terzi u entitajiet minn pajjiżi terzi), li jkopru l-elementi kollha tal-Programm. Tali miżuri jistgħu jinkludu teknoloġiji spazjali u terrestri fil-livell tal-komponenti, tas-subsistemi jew tas-sistemi, l-industriji tal-manifattura, is-sidien u l-operaturi tas-sistemi spazjali, u l-post fiżiku tal-komponenti tas-sistema terrestri.

(67) Abbażi biss ta' ftehim li għandu jiġi konkluż' f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE, Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kif ukoll il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u pajjiżi terzi oħra jistgħu jitħallew jipparteċipaw fil-Programm.

(68) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 ([23]), persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi jew f'territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għal arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew territorju ekstra-Ewropew rilevanti.

(69) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([24]), jenħtieġ li l-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, u regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni ta' dan il-Programm tqis is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni li jappartjenu għall-komponent ta' GOVSATCOM imwettaq fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696.

(70) Sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza kontinwa tal-indikaturi biex jirrapportaw dwar il-progress tal-Programm, kif ukoll tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness għal dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi, tas-supplementar ta' dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament billi jiġu speċifikati l-karatteristiċi ta' bażi ta' *data* tal-assi spazjali tal-Programm, kif ukoll il-metodoloġija u l-proċessi biex jinżamm u jiġi aġġornat. Huwa partikularment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(71) Fl-interess ta' governanza pubblika tajba u minħabba s-sinerġiji bejn il-Programm u l-komponent ta' GOVSATCOM, jenħtieġ li l-kumitat tal-Programm stabbilit fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696 fil-konfigurazzjoni ta' GOVSATCOM iservi wkoll bħala l-kumitat għall-finijiet tal-Programm. Għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-Programm, jenħtieġ li l-kumitat tal-Programm jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika ta' sigurtà.

([23]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji *extra*-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *extra*-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6).

([24]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(72) Peress li l-governanza pubblika tajba tirrikjedi ġestjoni uniformi tal-Programm, teħid aktar rapidu tad-deċiżjonijiet u aċċess ugwali għall-informazzjoni, ir-rappreżentanti tal-entitajiet inkarigati b'kompiti relatati mal-Programm jistgħu jieħdu sehem bħala osservaturi fil-ħidma tal-kumitat tal-Programm stabbilit bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]). Għall-istess raġunijiet, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li kkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni, relatat mal-Programm, jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-kumitat tal-Programm, soġġett għall-obbligi ta' sigurtà u kif previst fit-termini ta' tali ftehim. Ir-rappreżentanti ta' entitajiet inkarigati b'kompiti marbuta mal-Programm, ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jenħtieġ li ma jkunux intitolati jieħdu sehem fil-proċeduri tal-votazzjoni tal-kumitat tal-Programm. Il-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' osservaturi u parteċipanti ad hoc jenħtieġ li jkunu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-kumitati tal-Programm.

(73) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-adozzjoni ta': ir-regoli dettaljati dwar il-forniment ta' servizzi governattivi, ir-rekwiżiti operazzjonali għas-servizzi governattivi, il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi, id-deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni rigward il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni u l-programmi ta' ħidma, kif ukoll l-istabbiliment ta' rekwiżiti addizzjonali għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(74) Jenħtieġ li s-servizzi governattivi li huma bbażati fuq l-infrastruttura governattiva, bħala regola ġenerali, jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-utenti awtorizzati mill-gvernijiet. Madankollu, il-kapaċità għal dawk is-servizzi hija limitata. Jekk, wara analiżi, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm nuqqas ta' kapaċitajiet, jenħtieġ li jkun permess li tiġi adottata politika tal-ipprezzar f'każijiet debitament ġustifikati fejn id-domanda taqbeż il-kapaċità ta' aċċess, bħala parti minn dawk ir-regoli dettaljati dwar il-forniment tas-servizz, sabiex jiġu mqabbla l-provvista u d-domanda tas-servizzi. Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-adozzjoni ta' tali politika tal-ipprezzar jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(75) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-istabbiliment ta' miżuri meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-post taċ-ċentri li jappartjenu għall-infrastruttura governattiva tal-art jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Għall-għażla ta' tali postijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis ir-rekwiżiti operazzjonali u tas-sigurtà, kif ukoll l-infrastruttura eżistenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(76) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-istabbiliment ta' miżuri meħtieġa biex jiġu ddeterminati rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll massimu fuq ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà tal-Programm. Meta tadotta atti ta' implimentazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun assistita minn kumitat tal-Programm, li jiltaqa' f'konfigurazzjoni ta' sigurtà ddedikata. Minħabba s-sensittività ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li l-presidenza tal-kumitat tal-Programm tagħmel ħilitha biex issib soluzzjonijiet li jkunu jgawdu l-akbar appoġġ possibbli fi ħdan il-kumitat tal-Programm. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tadottax atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà ġenerali tal-Programm f'każijiet fejn il-kumitat tal-Programm ma jagħti l-ebda opinjoni. Fejn l-involviment tal-konfigurazzjoni tas-sigurtà tal-kumitat tal-Programm ikun previst mod ieħor, tali involviment jenħtieġ li jsir f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat tal-Programm.

(77) Il-Programm jikkomplementa l-Programm Spazjali tal-Unjoni eżistenti billi jintegra u jestendi l-objettivi u l-azzjonijiet tiegħu biex tinħoloq sistema ta' konnettività sigura u bbażata fl-ispazju għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tal-Programm tqis dan.

([25]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(78) Ladarba l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li jmorru lil hinn mill-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi ta' kwalunkwe Stat Membru uniku, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(79) Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal perjodu ta' ħames snin biex id-durata tiegħu tiġi allinjata ma' dik tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([26]) ("QFP 2021-2027").

(80) Sabiex l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun tista' tibda malajr kemm jista' jkun, bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tiegħu, jenħtieġ li huwa jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (il-"Programm") għall-bqija tad-durata tal-QFP 2021-2027. Huwa jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2023-2027, il-forom ta' finanzjament mill-Unjoni u r-regoli biex jiġi pprovdut tali finanzjament, kif ukoll ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Programm, b'kont meħud tar-Regolament (UE) 2021/696.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "inġenju spazjali" tfisser inġenju spazjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2021/696;

(2) "residwi spazjali" tfisser residwi spazjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2021/696;

(3) "tagħbija utli" tfisser tagħmir li jinġarr minn inġenju spazjali għat-twettiq ta' missjoni partikolari fl-ispazju;

(4) "ekosistema spazjali" tfisser network ta' impriżi li jinteraġixxu u li joperaw fi ktajjen tal-valur fis-settur spazjali, mill-iżgħar negozji ġodda sal-akbar impriża, li jinkludi s-segmenti upstream u downstream tas-suq spazjali;

(5) "Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika" jew "EuroQCI" tfisser infrastruttura interkonnessa spazjali, tal-art u terrestri integrata fis-sistema ta' konnettività sigura, bl-użu ta' teknoloġija bbażata fuq il-kwantum;

(6) "Ċentru ta' GOVSATCOM" tfisser ċentru ta' GOVSATCOM kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2021/696;

(7) "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696;

([26]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

(8) "informazzjoni klassifikata tal-UE" jew "IKUE" tfisser informazzjoni klassifikata tal-UE jew IKUE kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (25), tar-Regolament (UE) 2021/696;

(9) "informazzjoni sensittiva mhux klassifikata" tfisser informazzjoni sensittiva mhux klassifikata kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (26), tar-Regolament (UE) 2021/696;

(10) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser operazzjoni ta' taħlit kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (27), tar-Regolament (UE) 2021/696.

Artikolu 3

Objettivi tal-programm

1. L-objettivi ġenerali tal-Programm għandhom ikunu li:

(a) jiġu żgurati l-forniment u d-disponibbiltà fit-tul fi ħdan it-territorju tal-Unjoni u madwar id-dinja ta' aċċess mingħajr interruzzjoni għal servizzi tal-komunikazzjoni governattivi satellitari li jkunu siguri, awtonomi, ta' kwalità għolja, affidabbli u kosteffettivi għall-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, billi tiġi stabbilita sistema ta' konnettività sigura u multiorbitali taħt kontroll ċivili u billi tiġi appoġġata l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE ([27]), l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-azzjonijiet esterni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-applikazzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija, l-ambjent, is-sigurtà u d-difiża, u b'hekk jiżdiedu r-reżiljenza u l-awtonomija tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u tiġi msaħħa l-bażi teknoloġika u industrijali tal-komunikazzjoni satellitari tagħhom, filwaqt li tiġi evitata dipendenza eċċessiva fuq soluzzjonijiet ibbażati mhux fl-Unjoni, b'mod partikolari għal infrastrutturi kritiċi u l-aċċess għall-ispazju;

(b) jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi kummerċjali, jew servizzi offruti lil utenti awtorizzati mill-gvernijiet bbażati fuq infrastruttura kummerċjali bil-kondizzjonijiet tas-suq, mis-settur privat f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, sabiex jiġi ffaċilitat, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ulterjuri ta' broadband b'veloċità għolja madwar id-dinja, u konnettività bla xkiel kif ukoll it-tneħħija ta' żoni mejta għall-komunikazzjoni u ż-żieda tal-koeżjoni fit-territorji tal-Istati Membri, filwaqt li jitnaqqas id-distakk diġitali u jingħata kontribut, fejn applikabbli, għall-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/1972.

2. L-objettivi speċifiċi tal-Programm għandhom ikunu li:

(a) jikkomplementa u jintegra l-kapaċitajiet eżistenti u futuri tal-komponent ta' GOVSATCOM fis-sistema ta' konnettività sigura;

(b) itejjeb ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-awtonomija tas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

(c) jiżviluppa aktar u jintegra gradwalment l-EuroQCI fis-sistema ta' konnettività sigura;

(d) jiżgura d-dritt tal-użu ta' slots orbitali u frekwenzi rilevanti;

(e) iżid ir-robustezza tas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri u r-reżiljenza ċibernetika tal-Unjoni, billi jiżviluppa ridondanza, protezzjoni ċibernetika passiva, proattiva u reattiva u miżuri operazzjonali ta' ċibersigurtà u protettivi kontra t-theddid ċibernetiku u miżuri oħra kontra t-theddid elettromanjetiku;

(f) jiffaċilita, fejn possibbli, l-iżvilupp ta' servizzi ta' komunikazzjoni u servizzi addizzjonali mhux ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari billi jtejjeb il-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, joħloq sinerġiji bejniethom u jespandi l-kapaċitajiet u s-servizzi tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp ta' servizzi mhux ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu pprovduti lill-Istati Membri, billi jospita subsistemi satellitari addizzjonali, inkluż tagħbijiet utli;

(g) jinkoraġġixxi l-innovazzjoni, l-effiċjenza, kif ukoll l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji fixkiela u mudelli ta' negozju innovattivi fl-ekosistema spazjali Ewropea kollha kemm hi, inkluż atturi ta' Spazju Ġdid, parteċipanti ġodda, negozji ġodda u SMEs, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur spazjali tal-Unjoni;

(h) ittejjeb il-konnettività sigura fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku, bħall-Afrika u l-Artiku kif ukoll il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, ir-reġjuni tal-Mediterran u l-Atlantiku;

([27]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

(i) itejjeb is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju ekstratmosferiku, billi jimplimenta miżuri xierqa biex jiżgura u jippromwovi mġieba responsabbli fl-ispazju meta jimplimenta l-Programm, inkluż billi jfittex li jipprevjeni l-proliferazzjoni tar-residwi spazjali.

3. Il-prijoritizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizzi addizzjonali mhux ta' komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu u l-finanzjament rispettiv tagħhom għandhom jikkonformaw mal-objettivi tar-Regolament (UE) 2021/696 u għandhom jiġu eżaminati mill-kumitat tal-Programm li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni rilevanti, kif stipulat fir-Regolament (UE) 2021/696.

Artikolu 4

Attivitajiet tal-Programm

1. Il-forniment tas-servizzi governattivi msemmija fl-Artikolu 10(1) għandu jiġi żgurat permezz tal-attivitajiet f'fażijiet li ġejjin, li għandhom jikkomplementaw u jintegraw il-komponent ta' GOVSATCOM fis-sistema ta' konnettività sigura:

(a) id-definizzjoni, id-disinn, l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali u tal-art meħtieġa biex jiġu pprovduti l-ewwel servizzi governattivi sal-2024;

(b) attivitajiet ta' implimentazzjoni gradwali biex titlesta l-infrastruttura spazjali u tal-art meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi governattivi avvanzati, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet malajr kemm jista' jkun, bl-għan li tinkiseb kapaċità operazzjonali sħiħa sal-2027;

(c) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-EuroQCI bil-għan tal-integrazzjoni gradwali tagħha fis-sistema ta' konnettività sigura;

(d) attivitajiet ta' sfruttament li jipprovdu servizzi governattivi, li jinkludu: l-operat, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu u l-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali u dik tal-art, inkluż ir-rikostituzzjoni u l-ġestjoni tal-obsolexxenza;

(e) l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri ta' infrastruttura spazjali u tal-art u l-evoluzzjoni ta' servizzi governattivi.

2. Il-forniment ta' servizzi kummerċjali għandu jiġi żgurat mill-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19.

Artikolu 5

Infrastruttura tas-sistema ta' konnettività sigura

1. Is-sistema ta' konnettività sigura għandha tiġi stabbilita billi tiġi definita, iddisinjata, żviluppata, mibnija u mħaddma infrastruttura ta' konnettività multiorbitali, aġġustata għall-evoluzzjoni tad-domanda governattiva għall-komunikazzjoni bis-satellita u li toffri latenza baxxa. Din għandha tkun modulari sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u sabiex jiġi stabbilit il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi stabbiliti fl-Artikolu 10(1). Hija għandha tikkomplementa u tintegra l-kapaċitajiet eżistenti u futuri użati fil-qafas tal-komponent ta' GOVSATCOM. Din għandha tikkonsisti minn infrastruttura governattiva, kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u infrastruttura kummerċjali, kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

2. L-infrastruttura governattiva tas-sistema ta' konnettività sigura għandha tinkludi l-assi tal-art u spazjali relatati kollha li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi governattivi, kif stipulat fl-Artikolu 10(1), il-punti (a) u (b), ta' dan ir-Regolament, inkluż l-assi li ġejjin:

(a) jew satelliti jew subsistemi satellitari, inkluż tagħbijiet utli;

(b) EuroQCI;

(c) infrastruttura għall-monitoraġġ tas-sigurtà tal-infrastruttura governattiva u s-servizzi governattivi;

(d) l-infrastruttura tal-art għall-forniment tas-servizzi lill-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, inkluż l-infrastruttura tas-segment tal-art ta' GOVSATCOM, li trid tiżdied, b'mod partikolari ċ-Ċentri tal-GOVSATCOM imsemmija fl-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) 2021/696.

L-infrastruttura governattiva għandha tospita, meta jkun xieraq, subsistemi satellitari addizzjonali, b'mod partikolari tagħbijiet utli, li jistgħu jintużaw bħala parti mill-infrastruttura bbażata fuq l-ispazju tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/696 skont it-termini u l-kondizzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament, kif ukoll subsistemi satellitari użati biex jiġu pprovduti servizzi mhux tal-komunikazzjoni lill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fejn ikun meħtieġ, miżuri meħtieġa biex jiġi determinat il-post taċ-ċentri li jappartjenu għall-infrastruttura governattiva tal-art, f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 30(3) ta' dan ir-Regolament, wara proċess miftuħ u trasparenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3) ta' dan ir-Regolament.

Għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, iċ-ċentri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fejn possibbli, għandhom ikunu jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri u regolati minn ftehim ta' akkoljenza fil-forma ta' ftehim amministrattiv bejn l-Unjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

Fejn ma jkunx possibbli li ċ-ċentri jkunu fit-territorju tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-post ta' tali ċentri fit-territorju tal-membri tal-EFTA li huma membri taż-ŻEE jew fit-territorju ta' pajjiż terz ieħor, soġġett għal ftehim ta' akkoljenza bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE.

Minkejja l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-post taċ-Ċentri tal-GOVSATCOM għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2021/696.

4. L-infrastruttura kummerċjali tas-sistema ta' konnettività sigura għandha tinkludi l-assi spazjali u tal-art kollha għajr dawk li huma parti mill-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali ma għandhiex tfixkel il-prestazzjoni jew is-sigurtà tal-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali u kwalunkwe riskju relatat għandhom jiġu ffinanzjati kompletament mill-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19, sabiex jiġi ssodisfat l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b).

5. Sabiex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni, l-assi spazjali tal-infrastruttura governattiva għandhom jiġu llanċjati minn fornituri tas-servizzi eżistenti u futuri, inkluż dawk li jużaw lanċjaturi żgħar u mikrolanċjaturi, li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni stipulati fl-Artikolu 22 u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġustifikati biss, mit-territorju ta' pajjiż terz.

Artikolu 6

Sjieda u użu tal-assi

1. L-Unjoni għandha tkun is-sid tal-assi tanġibbli u intanġibbli kollha li jiffurmaw parti mill-infrastruttura governattiva żviluppata taħt il-Programm, kif imsemmi fl-Artikoli 5(2) u 19(10), bl-eċċezzjoni tal-infrastruttura terrestri EuroQCI, li għandha tkun il-proprjetà tal-Istati Membri. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti, il-ftehimiet u arranġamenti oħra rilevanti marbuta mal-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw fil-ħolqien jew fl-iżvilupp ta' tali assi jkun fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw is-sjieda tal-Unjoni ta' dawk l-assi.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Unjoni jkollha d-drittijiet li ġejjin:

(a) id-dritt tal-użu tal-frekwenzi meħtieġa għat-trażmissjoni tas-sinjali ġġenerati mill-infrastruttura governattiva, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet ta' liċenzjar rilevanti, li huwa possibbli permezz tar-riżervi tal-frekwenzi rilevanti pprovduti mill-Istati Membri, li jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri;

(b) id-dritt li tingħata prijorità lill-forniment tas-servizzi governattivi fuq is-servizzi kummerċjali, f'konformità mat-termini u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19 u billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet imsemmija fl-Artikolu 12(1).

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tikkonkludi kuntratti, ftehimiet jew arranġamenti oħra ma' partijiet terzi, inkluż il-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19, fir-rigward ta':

(a) drittijiet ta' sjieda preeżistenti fir-rigward ta' assi tanġibbli u intanġibbli li jiffurmaw parti mill-infrastruttura governattiva;

(b) l-akkwist tas-sjieda jew tad-drittijiet tal-liċenzja fir-rigward ta' assi oħra tanġibbli jew intanġibbli meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura governattiva.

4. Fejn l-assi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 jikkonsistu minn drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-Kummissjoni għandha timmaniġġa dawk id-drittijiet bl-aktar mod effettiv possibbli, filwaqt li tqis:

(a) il-ħtieġa li tipproteġi l-assi u li tagħtihom valur;

(b) l-interessi leġittimi tal-partijiet ikkonċernati kollha;

(c) il-ħtieġa li jiġu żgurati swieq kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb u li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda;

(d) il-ħtieġa tal-kontinwità tas-servizzi pprovduti mill-Programm.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, fejn xieraq, li l-kuntratti, il-ftehimiet u arranġamenti oħra rilevanti jinkludu l-possibbiltà ta' trasferiment ta' dawk id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali lil partijiet terzi, jew il-possibbiltà ta' għoti ta' liċenzji ta' partijiet terzi għal dawk id-drittijiet, inkluż lill-kreatur tal-proprjetà intellettwali, u li tali partijiet terzi jkunu jistgħu jgawdu dawk id-drittijiet liberament meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Azzjonijiet b'sostenn għal ekosistema spazjali innovattiva u kompetittiva tal-Unjoni

1. F'konformità mal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (g), ta' dan ir-Regolament, il-Programm għandu jappoġġa ekosistema spazjali innovattiva u kompetittiva tal-Unjoni, inkluż Spazju Ġdid, b'mod partikolari l-attivitajiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/696.

2. Il-Kummissjoni għandha tistimula l-innovazzjoni fl-ekosistema spazjali tal-Unjoni, inkluż Spazju Ġdid, matul id-durata tal-Programm billi:

(a) tistabbilixxi kriterji għall-għoti tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19 li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa ta' negozji ġodda u ta' SMEs minn madwar l-Unjoni u tul il-katina tal-valur kollha;

(b) tirrikjedi li l-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19 jipprovdu pjan biex jimmassimizzaw, f'konformità mal-Artikolu 21, l-integrazzjoni ta' entranti ġodda, negozji ġodda u SMEs minn madwar l-Unjoni fl-attivitajiet taħt il-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19;

(c) tirrikjedi, permezz tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19, li entranti ġodda, negozji ġodda, SMEs u kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja minn madwar l-Unjoni jkunu jistgħu jipprovdu servizzi proprji tagħhom stess lill-utenti finali;

(d) tippromwovi l-użu u l-iżvilupp ta' standards miftuħa, teknoloġiji b'sors miftuħ u l-interoperabbiltà fl-arkitettura tas-sistema ta' konnettività sigura, sabiex tippermetti sinerġiji, tottimizza l-ispejjeż, ittejjeb l-affidabbiltà, trawwem l-innovazzjoni u taħsad il-benefiċċji ta' kompetizzjoni wiesgħa;

(e) tippromwovi l-iżvilupp u l-produzzjoni fl-Unjoni ta' teknoloġiji kritiċi, li huma meħtieġa biex jiġu sfruttati s-servizzi governattivi.

3. Il-Kummissjoni għandha wkoll:

(a) tappoġġa l-akkwist u l-aggregazzjoni ta' kuntratti ta' servizzi għall-ħtiġijiet tal-Programm bl-objettiv li jingranaw u jistimulaw investimenti privati fit-tul, inkluż permezz ta' akkwist konġunt;

(b) tippromwovi u tħeġġeġ parteċipazzjoni aktar b'saħħitha tan-nisa u tistabbilixxi għanijiet ta' ugwaljanza u inklużjoni fid-dokumenti tal-offerti;

(c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet avvanzati f'oqsma relatati mal-ispazju u għal attivitajiet ta' taħriġ.

Artikolu 8

Sostenibbiltà ambjentali u spazjali

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali u spazjali. Għal dak il-għan, il-kuntratti u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar:

(a) il-minimizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mill-iżvilupp, il-produzzjoni u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura;

(b) l-istabbiliment ta' skema li tikkumpensa l-bqija tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

(c) miżuri xierqa biex jitnaqqas it-tniġġis mir-radjazzjoni viżibbli u inviżibbli kkawżat minn inġenju spazjali, u li jista' jfixkel l-osservazzjonijiet astronomiċi jew kwalunkwe tip ieħor ta' riċerka u osservazzjoni;

(d) l-użu ta' teknoloġiji xierqa għall-evitar ta' kolliżjonijiet għal inġenji spazjali;

(e) is-sottomissjoni u l-implimentazzjoni ta' pjan komprensiv ta' mitigazzjoni fir-rigward tar-residwi spazjali qabel il-fażi ta' implimentazzjoni, inkluż *data* tal-pożizzjonament orbitali, sabiex jiġi żgurat l-evitar ta' residwi spazjali mis-satelliti tal-kostellazzjoni.

2. Il-kuntratti u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu obbligu li tiġi pprovduta data, b'mod partikolari *data* dwar l-effimeri u l-manuvri ppjanati, lill-entitajiet inkarigati mill-produzzjoni ta' informazzjoni tal-SST kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2021/696 u servizzi tal-SST kif imsemmija fl-Artikolu 55 ta' dak ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li tinżamm bażi tad-*data* komprensiva tal-assi spazjali tal-Programm, li jkun fiha, b'mod partikolari, *data* relatata ma' aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali u spazjali.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45, sabiex tissupplementa dan ir-Regolament billi tispeċifika l-karatteristiċi tal-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u tistabbilixxi l-metodoloġija u l-proċessi biex tinżamm u tiġi aġġornata.

5. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati adottati f'konformità mal-paragrafu 4 għandu jkun limitat għal:

(a) l-assi spazjali li huma proprjetà tal-Unjoni, kif imsemmija fl-Artikoli 5(2) u 19(10);

(b) l-assi spazjali li huma proprjetà tal-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19, kif imsemmija fl-Artikoli 5(4) u 19(10).

KAPITOLU II

Servizzi u parteċipanti

Artikolu 9

Servizzi governattivi

1. Is-servizzi governattivi għandhom jiġu pprovduti lill-parteċipanti tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 11(1), (2) u (3).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-forniment ta' servizzi governattivi, billi tqis l-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2021/696, abbażi tad-domanda konsolidata tal-ħtiġijiet attwali u antiċipati għas-servizzi differenti kif identifikati flimkien mal-Istati Membri, u l-allokazzjoni dinamika tar-riżorsi u l-prijoritizzazzjoni tas-servizzi governattivi bejn il-parteċipanti differenti tal-Programm, skont ir-rilevanza u l-kritikalità tal-ħtiġijiet tal-utenti u, fejn xieraq, il-kosteffiċjenza.

3. Is-servizzi governattivi msemmija fl-Artikolu 10(1) għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-utenti awtorizzati mill-gvernijiet.

4. Il-Kummissjoni għandha tixtri s-servizzi msemmija fl-Artikolu 10(2), skont kondizzjonijiet tas-suq, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament Finanzjarju bl-għan li jiġi ggarantit il-forniment ta' dawk is-servizzi lill-Istati Membri kollha. Il-kapaċità preċiża u l-allokazzjoni baġitarja għal dawk is-servizzi għandhom jiġu ddeterminati fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu abbażi tal-kontribut mill-Istati Membri.

5. B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta, f'każijiet debitament ġustifikati, fejn strettament meħtieġa biex tlaqqa' l-provvista u d-domanda tas-servizzi governattivi, tadotta permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politika tal-ipprezzar, li għandha tkun konsistenti mal-politika tal-ipprezzar imsemmija fl-Artikolu 63(1) tar-Regolament (UE) 2021/696.

Bl-adozzjoni ta' politika tal-ipprezzar, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-forniment tas-servizzi governattivi ma jfixkilx il-kompetizzjoni, li ma jkun hemm ebda nuqqas ta' servizzi governattivi u li l-prezz identifikat ma jirriżultax f'kumpens żejjed lill-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19.

6. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3).

7. Il-forniment gradwali ta' servizzi governattivi għandu jiġi żgurat kif stabbilit fil-portafoll tas-servizzi msemmi fl-Artikolu 10(1) soġġett għad-disponibbiltà tal-infrastruttura tas-sistema ta' konnettività sigura, wara l-implimentazzjoni tal-attivitajiet stipulati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) u (b), u billi jibni fuq is-servizzi u l-kapaċitajiet eżistenti u permezz tal-ingranaġġ tagħhom, kif xieraq.

8. Għandu jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri meta jiġu pprovduti servizzi governattivi f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 25(7).

Artikolu 10

Portafoll tas-servizzi għal servizzi governattivi

1. Il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dan għandu jikkonsisti tal-anqas mill-kategoriji ta' servizzi li ġejjin u għandu jikkomplementa l-portafoll tas-servizzi ta' GOVSATCOM imsemmija fl-Artikolu 63(3) tar-Regolament (UE) 2021/696:

(a) servizzi ristretti għal utenti awtorizzati mill-gvernijiet ibbażati fuq infrastruttura governattiva, li jeħtieġu livell għoli ta' sigurtà u li mhumiex adatti għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, bħal servizz robust madwar id-dinja b'latenza baxxa jew trażmissjoni robusta ta' *data* spazjali;

(b) servizz ta' komunikazzjoni kwantistika, bħas-servizzi QKD.

2. Il-portafoll tas-servizzi għal servizzi governattivi għandu jinkludi wkoll servizzi lil utenti awtorizzati mill-gvernijiet ibbażati fuq l-infrastruttura kummerċjali, bħal servizz assigurat madwar id-dinja b'latenza baxxa jew servizz narrowband madwar id-dinja.

3. Il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi għandu jinkludi wkoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal kull kategorija ta' servizz, bħall-kopertura ġeografika, il-frekwenza, il-wisa' tal-banda, it-tagħmir tal-utent u l-karatteristiċi ta' sigurtà.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti operazzjonali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fuq input mill-Istati Membri u fuq ir-rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 30(3).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3).

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti operazzjonali għal servizzi governattivi, fl-għamla ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u pjanijiet ta' implimentazzjoni, relatati b'mod partikolari mal-ġestjoni tal-kriżijiet, mal-għarfien tas-sitwazzjoni, mal-ġestjoni tal-infrastruttura ewlenija, inkluż in-networks tal-komunikazzjoni diplomatika u tad-difiża, u l-ħtiġijiet ta' utenti awtorizzati mill-gvernijiet oħra. Dawk ir-rekwiżiti operazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-utenti tal-Programm, imfassla biex ikopru d-domanda konfermata, u għandhom iqisu r-rekwiżiti li jirriżultaw minn tagħmir u networks tal-utenti eżistenti u r-rekwiżiti operazzjonali għal servizzi ta' GOVSATCOM adottati f'konformità mal-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/696. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3) ta' dan ir-Regolament.

6. It-termini u l-kondizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi, u r-riskji relatati, ipprovduti permezz tal-infrastruttura kummerċjali għandhom jiġu ddeterminati fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19.

Artikolu 11

Parteċipanti u awtoritajiet kompetenti tal-Programm

1. L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom ikunu parteċipanti tal-Programm peress li jawtorizzaw lill-utenti tas-servizzi governattivi jew jipprovdu kapaċitajiet, siti jew faċilitajiet.

2. L-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jsiru parteċipanti tal-Programm sa fejn ikun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom u f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti f'arranġament amministrattiv konkluż bejn l-aġenzija jew il-korp ikkonċernati u l-istituzzjoni tal-Unjoni li tissorveljahom.

3. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jsiru parteċipanti tal-Programm f'konformità mal-Artikolu 39.

4. Kull parteċipant tal-Programm għandu jiddeżinja awtorità waħda Kompetenti għall-Konnettività Sigura.

Il-parteċipanti tal-Programm għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżit imsemmi fl-ewwel subparagrafu jekk jissodisfaw iż-żewġ kriterji li ġejjin:

(a) ikunu wkoll parteċipanti ta' GOVSATCOM f'konformità mal-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/696;

(b) ikunu ddeżinjaw awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 68(4) tar-Regolament (UE) 2021/696.

5. Il-prijoritizzazzjoni ta' servizzi governattivi bejn l-utenti awtorizzati minn kull parteċipant tal-Programm għandha tiġi determinata u implimentata minn dak il-parteċipant tal-Programm.

6. Awtorità kompetenti għall-konnettività sigura msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiżgura li:

(a) l-użu tas-servizzi governattivi jkun f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 30(3);

(b) id-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi governattivi jiġu determinati u ġestiti;

(c) it-tagħmir tal-utent meħtieġ għall-użu tas-servizzi governattivi u l-konnessjonijiet u l-informazzjoni ta' komunikazzjoni elettronika assoċjati jintużaw u jiġu ġestiti f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 30(3);

(d) ikun stabbilit punt ċentrali ta' kuntatt biex jassisti kif ikun meħtieġ fir-rapportar tar-riskji u tat-theddid għas-sigurtà, b'mod partikolari fis-sejbien ta' interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li taffettwa s-servizzi taħt il-Programm.

Artikolu 12

Utenti tas-servizzi governattivi

1. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati bħala utenti ta' servizzi governattivi:

(a) awtorità pubblika jew korp tal-Unjoni jew ta' Stat Membru inkarigati bl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika;

(b) persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll ta' entità msemmija fil-punt (a).

2. L-utenti ta' servizzi governattivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu awtorizzati kif xieraq mill-parteċipanti tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 11 biex jużaw is-servizzi governattivi u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sigurtà ġenerali msemmija fl-Artikolu 30(3).

KAPITOLU III

Kontribuzzjoni baġitarja u mekkaniżmi ta' finanzjament

Artikolu 13

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 u biex ikopri r-riskji assoċjati, għandu jkun ta' EUR 1,65 biljun bil-prezzijiet attwali.

L-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi distribwit b'mod indikattiv mill-QFP 2021-2027 kif ġej:

(a) EUR 1 biljun mill-Intestatura 1 (Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali);

(b) EUR 0,5 biljun mill-Intestatura 5 (Sigurtà u Difiża);

(c) EUR 0,15-il biljun mill-Intestatura 6 (Viċinat u d-Dinja).

2. Il-Programm għandu jiġi kkomplementat b'ammont ta' EUR 0,75 biljun implimentat taħt il-Programm Orizzont Ewropa, il-komponent ta' GOVSATCOM u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) għal ammont indikattiv massimu ta' EUR 0,38 biljun, EUR 0,22 biljun u EUR 0,15-il biljun rispettivament. Dak il-finanzjament għandu jiġi implimentat f'konformità mal-objettivi, ir-regoli u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE) 2021/695, u d-Deċiżjoni (UE) 2021/764, u r-Regolamenti (UE) 2021/696 u (UE) 2021/947.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, ta' dan l-Artikolu għandu jintuża biex ikopri l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) u biex ikopri x-xiri tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 9(4). Tali nefqa tista' tkopri wkoll:

(a) l-istudji u l-laqgħat tal-esperti, b'mod partikolari l-konformità mal-limiti tal-kost u tal-ħin tagħhom;

(b) l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fejn dawn ikunu marbuta direttament mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex jinħolqu sinerġiji ma' politiki oħra tal-Unjoni;

(c) in-networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jkollhom il-funzjoni li jipproċessaw jew li jiskambjaw l-informazzjoni, u l-miżuri dwar il-ġestjoni amministrattiva implimentati mill-Kummissjoni, inkluż fil-qasam tas-sigurtà;

(d) assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

4. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament kumulattiv minn programmi differenti tal-Unjoni għandhom jiġu awditjati darba biss, billi jiġu koperti l-programmi involuti kollha u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

5. L-impenji baġitarji għal attivitajiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti annwali.

6. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri fil-qafas ta' ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lill-Programm, soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]) Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament f'konformità mal-punt (c) ta' dak is-subparagrafu. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 14

Finanzjament kumulattiv u alternattiv

Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni, inkluż fondi taħt ġestjoni kondiviża, tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni taħt il-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm tal-Unjoni rilevanti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet totali eliġibbli tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.

Artikolu 15

Kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-Programm

1. Il-Programm jista' jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji jew kontribuzzjonijiet in natura addizzjonali minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) Aġenziji u korpi tal-Unjoni;

(b) Stati Membri, f'konformità mal-ftehimiet rilevanti;

(c) pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm, f'konformità mal-ftehimiet rilevanti;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali, f'konformità mal-ftehimiet rilevanti.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u d-dħul skont l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 16

Kontribuzzjoni tal-ESA

L-ESA, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri interni tagħha stess, tista' tikkontribwixxi permezz ta' programmi fakultattivi tal-ESA għall-attivitajiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni li jirriżultaw mill-approċċ tal-akkwist imsemmi fl-Artikolu 19(1), filwaqt li tipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

([28]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Artikolu 17

Kontribuzzjoni mis-settur privat

Il-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jiffinanzjaw kompletament l-infrastruttura kummerċjali msemmija fl-Artikolu 5 sabiex jiġi ssodisfat l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b).

Artikolu 18

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju jew taħt ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stipulati fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit.

KAPITOLU IV

Implimentazzjoni tal-Programm

Artikolu 19

Mudell ta' implimentazzjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat, kif xieraq, f'approċċ f'fażijiet sa ma jitlestew l-attivitajiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li l-approċċ tal-akkwist jippermetti l-aktar kompetizzjoni wiesgħa possibbli sabiex titrawwem parteċipazzjoni xierqa tal-katina tal-valur industrijali kollha għall-kuntratti relatati mal-forniment tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 10(1) u l-kuntratti relatati max-xiri tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 10(2).

2. L-attivitajiet stipulati fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati permezz ta' diversi kuntratti mogħtija f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prinċipji tal-akkwist skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament u jistgħu jieħdu l-forma ta' kuntratti ta' konċessjoni, kuntratti ta' forniment, ta' servizz jew ta' xogħlijiet inkella kuntratti mħallta.

3. Il-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu akkwistati taħt ġestjoni diretta jew indiretta u jistgħu jieħdu l-forma ta' akkwist interistituzzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 165(1) tar-Regolament Finanzjarju, bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija, fejn il-Kummissjoni għandha tassumi r-rwol ta' awtorità kontraenti ewlenija.

4. L-approċċ tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 9(2), 10(4) u 10(5).

5. Jekk ir-riżultat tal-approċċ tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jieħu l-forma ta' kuntratti ta' konċessjoni, dawk il-kuntratti ta' konċessjoni għandhom jistipulaw l-arkitettura tal-infrastruttura governattiva tas-sistema ta' konnettività sigura, ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet, l-iskema finanzjarja u l-allokazzjoni tar-riskji bejn l-Unjoni u l-kuntratturi, billi jittieħed kont tar-reġim ta' sjieda skont l-Artikolu 6 u l-finanzjament tal-Programm skont il-Kapitolu III.

6. Jekk ma jingħatax kuntratt ta' konċessjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura implimentazzjoni ottimali tal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), billi takkwista, kif xieraq, kuntratt ta' forniment, ta' servizz jew ta' xogħlijiet jew kuntratt imħallat.

7. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi governattivi jekk il-kuntratturi msemmija f'dan l-Artikolu ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

8. Fejn xieraq, il-proċeduri ta' akkwist għall-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jieħdu wkoll l-forma ta' akkwisti konġunti mal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 165(2) tar-Regolament Finanzjarju.

9. Il-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-forniment ta' servizzi bbażati fuq infrastruttura kummerċjali jippreżerva l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3. Dawk il-kuntratti għandhom jinkludu wkoll salvagwardji adegwati biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed lill-kuntratturi msemmija f'dan l-Artikolu, distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, kunflitti ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn jew kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu l-obbligu ta' separazzjoni tal-kontabilità bejn il-forniment ta' servizzi governattivi u l-forniment ta' servizzi kummerċjali, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment għall-forniment ta' servizzi governattivi, u l-forniment ta' aċċess miftuħ, ġust, raġonevoli u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġ għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Il-kuntratti għandhom jiżguraw ukoll li l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 22 jiġu ssodisfati matul id-durata kollha tagħhom.

10. Fejn is-servizzi governattivi u kummerċjali jiddependu fuq sottosistemi jew interfaċċi komuni biex jiżguraw sinerġiji, il-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiddeterminaw ukoll liema minn dawk l-interfaċċi u s-sottosistemi komuni għandhom ikunu parti mill-infrastruttura governattiva sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

Artikolu 20

Prinċipji tal-akkwist

1. L-akkwist pubbliku taħt il-Programm għandu jitwettaq f'konformità mar-regoli dwar l-akkwist stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

2. Fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għall-finijiet tal-Programm, li jikkomplementaw il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, l-awtorità kontraenti għandha taġixxi f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) li tippromwovi fl-Istati Membri kollha madwar l-Unjoni u tul il-katina tal-provvista kollha, l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa u miftuħa possibbli mill-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari parteċipanti ġodda, negozji ġodda u SMEs, inkluż fil-każ ta' sottokuntrattar mill-offerenti;

(b) li tiżgura kompetizzjoni effettiva fil-proċess tas-sejħiet għall-offerti, u fejn ikun possibbli, l-evitar ta' dipendenza fuq fornitur uniku, b'mod partikolari għat-tagħmir u għas-servizzi kritiċi, filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-indipendenza teknoloġika u tal-kontinwità tas-servizzi;

(c) li ssegwi l-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tal-kompetizzjoni, permezz ta' sejħiet għall-offerti abbażi tal-forniment ta' informazzjoni trasparenti u f'waqtha, il-komunikazzjoni ċara tar-regoli u l-proċeduri applikabbli dwar l-akkwist, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti li tippermetti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-offerenti potenzjali kollha;

(d) li tipproteġi s-sigurtà u l-interess pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż permezz ta' tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini teknoloġiċi, billi twettaq valutazzjonijiet tar-riskji u timplimenta miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' tfixkil, pereżempju fejn ikun disponibbli biss fornitur wieħed;

(e) li tikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 30(3) u li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;

(f) b'deroga mill-Artikolu 167 tar-Regolament Finanzjarju, li tuża, kull fejn xieraq, diversi sorsi ta' provvista sabiex jiġi żgurat kontroll ġenerali aħjar tal-Programm, il-kost u l-iskeda tiegħu;

(g) li tippromwovi l-aċċessibbiltà, il-kontinwità u l-affidabbiltà tas-servizz;

(h) li ttejjeb is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju ekstratmosferiku, billi timplimenta miżuri xierqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8;

(i) li tiżgura l-promozzjoni effettiva ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tad-dimensjoni tal-ġeneru u li timmira li tindirizza l-kawżi tal-iżbilanċ bejn il-ġeneri, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-iżgurar tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet ta' evalwazzjoni.

Artikolu 21

Sottokuntrattar

1. Sabiex tħeġġeġ entranti ġodda, negozji ġodda u SMEs mal-Unjoni kollha u l-parteċipazzjoni transfruntiera tagħhom, u biex toffri l-iktar kopertura ġeografika wiesgħa possibbli filwaqt tħares l-awtonomija tal-Unjoni, l-awtorità kontraenti għandha titlob li l-offerent jissottokuntratta parti mill-kuntratt permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva fil-livelli xierqa ta' sottokuntrattar lil kumpaniji oħra għajr dawk li jiffurmaw parti mill-grupp tal-offerent.

2. Għal kuntratti 'l fuq minn EUR 10 miljun, l-awtorità kontraenti għandha tiżgura li mill-inqas 30 % tal-valur tal-kuntratt jiġi sottokuntrattat permezz ta' sejħiet għal offerti kompetittivi f'livelli varji ta' sottokuntrattar lil kumpaniji barra l-grupp tal-offerent ewlieni, b'mod partikolari biex tippermetti l-parteċipazzjoni transfruntiera ta' SMEs fl-ekosistema spazjali.

3. L-offerent għandu jipprovdi raġunijiet għaliex ma ssodisfax talba magħmula skont il-paragrafu 1 jew għaliex iddevja mill-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat tal-Programm imsemmi fl-Artikolu 47 bit-twettiq tal-objettivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għal kuntratti ffirmati wara l-20 ta' Marzu 2023.

Artikolu 22

Kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għall-preżervazzjoni tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni

Il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' għoti mwettqa fl-implimentazzjoni tal-Programm, fejn meħtieġ u xieraq biex jiġu ppreżervati s-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/696, filwaqt li jitqies l-objettiv li tiġi promossa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġija fost it-teknoloġiji u l-ktajjen tal-valur ewlenin, filwaqt li tiġi ppreżervata ekonomija miftuħa.

Artikolu 23

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fejn pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm b'deċiżjoni adottata skont qafas ta' ftehim internazzjonali jew abbażi ta' kwalunkwe strument ġuridiku ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post, kif previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

KAPITOLU V

Governanza tal-Programm

Artikolu 24

Prinċipji ta' governanza

Il-governanza tal-Programm għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm;

(b) l-iżgurar tar-rilevanza tal-istruttura ta' governanza għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Programm u tal-miżuri, kif xieraq;

(c) kontroll b'saħħtu tal-Programm, inkluż aderenza stretta mal-kost, mal-iskeda u mal-prestazzjoni mill-entitajiet kollha, skont ir-rwoli rispettivi tagħhom u l-kompiti mogħtija lilhom, f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(d) ġestjoni trasparenti u kosteffiċjenti;

(e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluż monitoraġġ u ġestjoni tas-sigurtà, u protezzjoni minn theddid rilevanti;

(f) kunsiderazzjoni sistematika u strutturata tal-ħtiġijiet tal-utenti tad-data, tal-informazzjoni u tas-servizzi pprovduti mill-Programm, kif ukoll tal-evoluzzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi relatati;

(g) sforzi kostanti biex jiġu kkontrollati u mitigati r-riskji.

Artikolu 25

Rwol tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu bil-kompetenza teknika, bl-għarfien espert u bl-assistenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà, jew, fejn xieraq u possibbli, billi jagħmlu disponibbli għall-Programm id-data, l-informazzjoni, is-servizzi u l-infrastruttura li jinsabu fit-territorju tagħhom.

2. Fejn possibbli, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jiżguraw il-koerenza u l-komplementarjetà tal-attivitajiet rilevanti u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tagħhom fl-ambitu tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]) mal-Programm.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tal-Programm.

4. L-Istati Membri jistgħu jgħinu biex jiżguraw u jipproteġu, fil-livell xieraq, il-frekwenzi meħtieġa għall-Programm.

5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jikkooperaw biex iwessgħu l-adozzjoni tas-servizzi governattivi pprovduti mill-Programm.

6. Fil-qasam tas-sigurtà, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/696.

7. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom sabiex jikkonsolidaw il-kapaċità u jagħtu aktar dettalji dwar l-ispeċifikazzjonijiet tas-servizzi governattivi tagħhom. Huma għandhom ukoll jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, b'mod partikolari billi jipprovdu input għat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni.

8. Il-Kummissjoni tista' tinkariga, permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, kompiti speċifiċi lil organizzazzjonijiet tal-Istati Membri, fejn tali organizzazzjonijiet ikunu nħatru mill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet dwar kontribuzzjonijiet rigward il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 47(2).

Artikolu 26

Rwol tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali. F'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni tal-Programm, skont ir-rekwiżiti tal-utent stabbiliti b'mod debitu, u għandha twettaq is-superviżjoni tal-implimentazzjoni tiegħu, mingħajr preġudizzju għal politiki oħra tal-Unjoni.

([29]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm diviżjoni ċara tal-kompiti u r-responsabbiltajiet bejn id-diversi entitajiet involuti fil-Programm u għandha tikkoordina l-attivitajiet ta' dawk l-entitajiet. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-entitajiet kollha inkarigati involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm jipproteġu l-interess tal-Unjoni, jiggarantixxu l-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni u jikkonformaw mar-Regolament Finanzjarju u ma' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha takkwista, tagħti u tiffirma l-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19.

4. Il-Kummissjoni tista' tinkariga kompiti li jikkonċernaw il-Programm lill-Aġenzija u lill-ESA taħt ġestjoni indiretta, skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom kif stipulat skont l-Artikoli 27 u 28. Sabiex tiffaċilita l-ilħuq tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 u tippromwovi l-aktar kooperazzjoni effiċjenti bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-ESA, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' kull entità inkarigata.

Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet dwar kontribuzzjonijiet rigward il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 47(2).

5. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kuntratturi msemmija fl-Artikolu 19, l-Aġenzija jew entitajiet inkarigati oħra, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-adozzjoni u l-użu tas-servizzi governattivi. Għandha tiżgura l-kumplementarjetà, il-konsistenza, is-sinerġiji u r-rabtiet bejn il-Programm u azzjonijiet u programmi oħra tal-Unjoni.

6. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza tal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm mal-attivitajiet li diġà mwettqa fil-qasam tal-ispazju fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali. Hija għandha tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, tiffaċilita l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet u l-iżviluppi teknoloġiċi tagħhom fil-qasam spazjali u, fejn rilevanti għall-Programm, timmira li tiżgura l-koerenza tas-sistema ta' konnettività sigura mal-attivitajiet rilevanti u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet żviluppati skont il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-kumitat tal-Programm imsemmi fl-Artikolu 47(1) dwar ir-riżultati interim u finali tal-evalwazzjoni ta' kwalunkwe proċedura ta' akkwist, u dwar kwalunkwe kuntratt, inkluż sottokuntratti, ma' entitajiet pubbliċi u privati.

Artikolu 27

Rwol tal-Aġenzija

1. Il-kompitu proprju tal-Aġenzija għandu jkun li tiżgura, permezz tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tagħha, l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura governattiva u tas-servizzi governattivi f'konformità mal-Kapitolu II tat-Titolu V tar-Regolament (UE) 2021/696.

2. Il-Kummissjoni għandha tinkariga lill-Aġenzija, permezz ta' ftehim ta' kontribuzzjoni wieħed jew aktar, soġġett għall-prontezza operazzjonali tal-Aġenzija, b'mod partikolari fir-rigward ta' livell adegwat ta' riżorsi umani, bil-kompiti li ġejjin:

(a) il-ġestjoni operazzjonali kollha tal-infrastruttura governattiva tal-Programm jew ta' parti minnha;

(b) is-sigurtà operazzjonali tal-infrastruttura governattiva, inkluż l-analiżi tar-riskju u tat-theddid, il-monitoraġġ tas-sigurtà, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri operazzjonali, u l-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 30(3).

(c) il-forniment tas-servizzi governattivi, b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM;

(d) il-ġestjoni tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19, wara l-għoti u l-iffirmar tagħhom;

(e) il-koordinazzjoni ġenerali tal-aspetti relatati mal-utenti tas-servizzi governattivi f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, mas-SEAE u ma' entitajiet oħra;

(f) it-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-użu mill-utenti ta' servizzi offruti mill-Programm mingħajr ma jiġu affettwati l-attivitajiet imwettqa mill-kuntratturi taħt il-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19.

3. Il-Kummissjoni tista' tinkariga, permezz ta' ftehim ta' kontribuzzjoni wieħed jew aktar, kompiti oħra lill-Aġenzija, abbażi tal-ħtiġijiet tal-Programm.

4. Meta jiġu inkarigati attivitajiet lill-Aġenzija, għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji, umani u amministrattivi xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni tista' talloka parti mill-baġit għall-attivitajiet inkarigati lill-Aġenzija għall-finanzjament tar-riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

5. B'deroga mill-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju u soġġett għall-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni, l-Aġenzija tista' tinkariga, permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, attivitajiet speċifiċi lil entitajiet oħra, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, bil-kondizzjonijiet ta' ġestjoni indiretta li japplikaw għall-Kummissjoni.

Artikolu 28

Rwol tal-ESA

1. Sakemm l-interess tal-Unjoni jkun protett, l-ESA għandha, fil-qasam tal-għarfien espert tagħha, tiġi inkarigata bil-kompiti li ġejjin:

(a) is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), u tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (e), imwettqa fil-qafas tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 19, f'konformità mat-termini u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 26(4), filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit inkarigati lill-ESA skont dan l-Artikolu u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA, kif imsemmija fl-Artikolu 16;

(b) l-għoti tal-għarfien espert tagħha lill-Kummissjoni inkluż għat-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-Programm;

(c) l-għoti ta' appoġġ fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kuntratti konklużi skont l-Artikolu 19;

(d) kompiti relatati mal-ispazju u s-segment tal-art relatat tal-EuroQCI msemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (c).

2. Fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi inkarigata b'kompiti oħrajn abbażi tal-ħtiġijiet tal-Programm, dment li dawk il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità oħra fil-kuntest tal-Programm u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Programm.

KAPITOLU VI

Sigurtà tal-Programm

Artikolu 29

Prinċipji tas-sigurtà

L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għall-Programm.

Artikolu 30

Governanza tas-sigurtà

1. Il-Kummissjoni, fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tagħha u bl-appoġġ tal-Aġenzija, għandha tiżgura livell għoli ta' sigurtà, b'mod partikolari, fir-rigward ta':

(a) il-protezzjoni tal-infrastruttura, kemm dik tal-art kif ukoll dik spazjali, u tal-forniment tas-servizzi, partikularment kontra l-attakki fiżiċi jew ċibernetiċi, inkluż l-interferenza mal-flussi tad-data;

(b) il-kontroll u l-ġestjoni tat-trasferimenti tat-teknoloġija;

(c) l-iżvilupp u l-konservazzjoni fl-Unjoni tal-kompetenzi u tal-għarfien espert miksuba;

(d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u ta' informazzjoni klassifikata.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kunsill u lill-Istati Membri dwar l-ispeċifikazzjoni u t-tfassil ta' kwalunkwe aspett tal-infrastruttura EuroQCI, b'mod partikolari l-QKD relatata mal-protezzjoni tal-IKUE.

L-evalwazzjoni u l-approvazzjoni ta' prodotti kriptografiċi għall-protezzjoni tal-IKUE għandhom jitwettqu filwaqt li jiġu rispettati r-rwoli u l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tal-Kunsill u tal-Istati Membri.

L-awtorità għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandha tivverifika, fil-proċess ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà, li jintużaw biss prodotti kriptografiċi approvati.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li titwettaq analiżi tar-riskji u tat-theddid għall-infrastruttura governattiva msemmija fl-Artikolu 5(2). Abbażi ta' dik l-analiżi, hija għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà. B'hekk, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt ta' dawk ir-rekwiżiti fuq il-funzjonament bla xkiel tal-infrastruttura governattiva, b'mod partikolari f'termini ta' kost, ta' ġestjoni tar-riskji u ta' skeda, u għandha tiżgura li l-livell ġenerali tas-sigurtà ma jitnaqqasx, li l-funzjonament tat-tagħmir ma jkunx ipperikolat u li jkunu meqjusa r-riskji għaċ-ċibersigurtà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3).

4. L-Artikolu 34(3) sa (7) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għall-Programm. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "komponent" fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jinqara bħala "infrastruttura governattiva", inkluż servizzi governattivi, u r-referenzi kollha għall-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 31

Sigurtà tas-sistema u s-servizzi applikati

Kull meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha tkun tista' tiġi affettwata mill-operat tas-sistema jew mill-forniment tas-servizzi governattivi, għandha tapplika d-Deċiżjoni (PESK) 2021/698.

Artikolu 32

Awtorità għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit fi ħdan l-Aġenzija skont l-Artikolu 72(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jkun l-awtorità għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-infrastruttura governattiva u servizzi governattivi relatati tal-Programm.

Artikolu 33

Prinċipji ġenerali tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà

L-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà relatati mal-Programm għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 37, il-punti (a) sa (j), tar-Regolament (UE) 2021/696. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "komponent" fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jinqara bħala "infrastruttura governattiva" u r-referenzi kollha għall-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikolu 27(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 34

Kompiti u kompożizzjoni tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. L-Artikolu 38, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 2, il-punti (c) sa (f), u tal-paragrafu 3, il-punt (b), u l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom japplikaw għall-Programm.

2. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkollu l-kompiti li ġejjin, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-eżaminazzjoni u, għajr fir-rigward ta' dokumenti li jridu jiġu adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 30(3), l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha marbuta mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

(b) l-għoti ta' pariri, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu, lill-Kummissjoni dwar it-tfassil ta' abbozzi ta' testi għall-atti msemmija fl-Artikolu 30(3), inkluż għall-istabbiliment ta' proċeduri operattivi tas-sigurtà, u għall-forniment ta' dikjarazzjoni bil-pożizzjoni tal-konklużjoni tiegħu;

(c) l-eżami u l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà mfassla f'konformità mal-proċess ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 37, il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/696 u l-analiżi tar-riskju u tat-theddid imfassla f'konformità mal-Artikolu 30(3) ta' dan ir-Regolament, u b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni biex jistabbilixxi l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji.

3. Minbarra l-paragrafu 1 u fuq bażi eċċezzjonali, ir-rappreżentanti biss tal-kuntratturi involuti fl-infrastruttura u s-servizzi governattivi jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, bħala osservaturi, għal kwistjonijiet relatati ma' dawk il-kuntratturi. Il-arranġamenti u l-kondizzjonijiet għall-attendenza tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

Artikolu 35

Regoli tal-votazzjoni tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

L-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika fir-rigward tar-regoli tal-votazzjoni tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

Artikolu 36

Komunikazzjoni u impatt tad-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. L-Artikolu 41(1) sa (4) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għad-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "komponent" fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jinqara bħala "infrastruttura governattiva".

2. L-iskeda għall-ħidma tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ma għandhiex tfixkel l-iskeda tal-attivitajiet ipprovduta fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 41(1).

Artikolu 37

Rwol tal-Istati Membri fl-akkreditazzjoni tas-sigurtà

L-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għall-Programm.

Artikolu 38

Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

1. L-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għall-informazzjoni klassifikata relatata mal-Programm.

2. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-ESA, l-ESA tista' tiġġenera IKUE fir-rigward tal-kompiti inkarigati lilha skont l-Artikolu 28(1) u (2).

KAPITOLU VII

Relazzjonijiet internazzjonali

Artikolu 39

Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm

1. F'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fi ftehimiet speċifiċi konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE li jkopru l-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' membri tal-EFTA li huma membri taż-ŻEE, kif ukoll tal-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u mat-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili, u f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(b) pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew fi ftehimiet simili, u f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) pajjiżi terzi, għajr dawk il-pajjiżi terzi koperti fil-punti (a) u (b).

2. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjoni internazzjonali f'konformità ma' ftehim speċifiku konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE.

3. Il-ftehim speċifiku msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu:

(a) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz jew tal-organizzazzjoni internazzjonali parteċipanti fil-programmi tal-Unjoni;

(b) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom;

(c) ma jagħti l-ebda setgħa ta' teħid tad-deċiżjonijiet lill-pajjiż terz jew lill-organizzazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-Programm tal-Unjoni;

(d) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

4. Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3, u fl-interessi tas-sigurtà, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm, sa fejn ikun kompatibbli mal-ftehimiet eżistenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3).

Artikolu 40

Aċċess għas-servizzi governattivi minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jista' jkollhom aċċess għas-servizzi governattivi dment li:

(a) jikkonkludu ftehim, f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE, li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-aċċess għas-servizzi governattivi;

(b) jikkonformaw mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2021/696.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-"Programm" fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-"Programm" stabbilit minn dan ir-Regolament.

KAPITOLU VIII

programmazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll

Artikolu 41

Programmazzjoni, monitoraġġ u rapportar

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma kif imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistipulaw l-azzjonijiet u l-baġit assoċjat meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm u, fejn ikun applikabbli, l-ammont globali riżervat għal operazzjonijiet ta' taħlit. Il-programmi ta' ħidma għandhom jikkomplementaw il-programmi ta' ħidma għall-komponent ta' GOVSATCOM, kif imsemmija fl-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) 2021/696.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 47(3).

2. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3 huma stipulati fl-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45, li temenda l-Anness fir-rigward tal-indikaturi fejn jitqies li dan ikun meħtieġ, kif ukoll li tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

4. Fejn meħtieġ minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-proċedura prevista fl-Artikolu 46 għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

5. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u rapidu.

Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti proporzjonati ta' rapportar fuq ir-riċevituri tal-fondi mill-UE u, fejn ikun xieraq, fuq l-Istati Membri.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, ir-riċevituri tal-fondi mill-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni xierqa. Id-data meħtieġa għall-verifika tal-prestazzjoni għandha tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u rapidu.

Artikolu 42

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet f'waqthom tal-Programm sabiex jagħtu kontribut fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. Sal-21 ta' Marzu 2024 u kull sena minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bis-sejbiet ewlenin rigward l-implimentazzjoni inizjali tal-Programm, inkluż it-tlestija tal-attivitajiet ta' definizzjoni, il-konsolidazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali.

3. Sat-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-Programm fid-dawl tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta:

(a) il-prestazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura u tas-servizzi pprovduti taħt il-Programm, b'mod partikolari l-latenza baxxa, l-affidabbiltà, l-awtonomija u l-aċċess dinji;

(b) il-mudelli ta' governanza u implimentazzjoni, u l-effiċjenza tagħhom;

(c) l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti tal-Programm;

(d) is-sinerġija u l-komplementarjetà tal-Programm ma' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari GOVSATCOM u mal-komponenti l-oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni;

(e) l-evoluzzjoni tal-kapaċitajiet disponibbli, l-innovazzjonijiet u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda fl-ekosistema spazjali;

(f) il-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs madwar l-Unjoni;

(g) l-impatt ambjentali tal-Programm filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8;

(h) kwalunkwe qbiż tal-kostijiet, il-puntwalità fl-ilħiq tal-iskadenzi stabbiliti għall-proġetti u l-effettività tal-governanza u tal-ġestjoni tal-Programm;

(i) l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-attivitajiet tal-Programm.

Jekk ikun xieraq, l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata bi proposta xierqa.

4. L-evalwazzjoni tal-Programm għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-komponent ta' GOVSATCOM skont l-Artikolu 102 tar-Regolament (UE) 2021/696.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

6. L-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jipprovdu d-*data* u l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

7. Sentejn wara l-kapaċità operazzjonali sħiħa, u kull sentejn wara dan, l-Aġenzija għandha toħroġ rapport tas-suq, wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, dwar l-impatt tal-Programm fuq l-industrija kummerċjali upstream u downstream tas-satelliti tal-Unjoni bil-għan li jiġi żgurat l-impatt minimu possibbli fuq il-kompetizzjoni u ż-żamma ta' inċentivi għall-innovazzjoni.

Artikolu 43

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, inkluż minn oħrajn mhux imqabbda mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija globali skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 44

Protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza

Id-*data* personali kollha li tintuża fil-kuntest tal-kompiti u tal-attivitajiet previsti f'dan ir-Regolament, inkluż mill-Aġenzija, għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dritt applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2016/679 ([30]) u (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]).

([30]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([31]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

KAPITOLU IX

Atti delegati u ta' implimentazzjoni

Artikolu 45

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(4) u 41(3) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 8(4) u 41(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(4) jew l-Artikolu 41(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 46

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 45(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 47

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat tal-Programm stabbilit mill-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2021/696, fil-konfigurazzjoni ta' GOVSATCOM. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għall-finijiet tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 5(3) u 30(3) ta' dan ir-Regolament, il-kumitat tal-Programm imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 107(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/696.

Għall-finijiet tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 9(2) u 10(4) ta' dan ir-Regolament, il-kumitat tal-Programm fil-konfigurazzjoni tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 107(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jiġi involut b'mod debitu.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Meta l-kumitat tal-Programm ma jagħti l-ebda opinjoni dwar l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 30(3) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU X

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

Artikolu 48

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri ta' finanzjament mill-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibilità tal-finanzjament mill-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, mal-azzjonijiet li jittieħdu skont il-Programm u mar-riżultati miksuba.

3. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 49

Kontinwità tas-servizzi wara l-2027

Jekk ikun meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux ikkompletati sa tmiem il-Programm, u biex ikopru l-ispejjeż ta' attivitajiet operazzjonali kritiċi u l-forniment ta' servizzi.

Artikolu 50

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Marzu 2023.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	J. ROSWALL

ANNESS

INDIKATURI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-PROGRAMM

Il-Programm ser jiġi mmonitorjat mill-qrib abbażi ta' sett ta' indikaturi maħsuba biex ikejlu sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi speċifiċi tal-Programm u bil-ħsieb li jiġu minimizzati l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi. Għal dak l-għan, ser tingħabar data fir-rigward tas-sett ta' indikaturi ewlenin li ġejjin:

1. L-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (a):

   Indikatur 1.1: Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jaċċessaw sett tal-ewwel servizzi governattivi fl-2024

   Indikatur 1.2: Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jaċċessaw kapaċità operazzjonali sħiħa li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti u d-domanda determinati fil-portafoll tas-servizzi fl-2027

   Indikatur 1.3: Il-perċentwal tad-disponibbiltà tas-servizz governattiv għal kull servizz governattiv applikat

   Indikatur 1.4: Il-veloċità, wisa' tal-banda u prestazzjoni tal-latenza għal kull servizz governattiv applikat madwar id-dinja

   Indikatur 1.5: Il-perċentwal tad-disponibbiltà ġeografika tas-servizzi governattivi kollha applikati fit-territorji tal-Istati Membri

   Indikatur 1.6: Il-perċentwal ta' servizzi applikati relatati mal-portafoll tas-servizzi

   Indikatur 1.7: Il-perċentwal tal-kapaċità disponibbli għal kull servizz applikat

   Indikatur 1.8: Il-kost sat-tlestija

   Indikatur 1.9: Il-parteċipanti fil-Programm u l-għadd ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jipparteċipaw fil-Programm f'konformità mal-Artikolu 39

   Indikatur 1.10: L-evoluzzjoni tal-kapaċitajiet satellitari mixtrija minn istituzzjonijiet tal-Unjoni minn atturi mhux tal-Unjoni

   Indikatur 1.11: L-għadd ta' llanċjar mhux imwettaq mit-territorju tal-Unjoni, jew territorju tal-membri tal-EFTA li huma membri taż-ŻEE

   Indikatur 1.12: L-għadd ta' utenti awtorizzati mill-gvernijiet fl-Unjoni

2. L-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b):

   Indikatur 2.1: Il-perċentwal ta' disponibbiltà ta' servizz kummerċjali

   Indikatur 2.2: Il-veloċità, wisa' tal-banda, affidabilità u prestazzjoni tal-latenza tas-servizzi kummerċjali tal-broadband bis-satellita madwar id-dinja

   Indikatur 2.3: Il-perċentwal ta' żoni mejta għall-komunikazzjoni fit-territorji tal-Istati Membri

   Indikatur 2.4: L-ammont investit mis-settur privat

3. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (a):

   Indikatur 3.1: Iċ-Ċentri ta' GOVSATCOM jistgħu jipprovdu servizzi li jirriżultaw mis-sistema ta' konnettività sigura

   Indikatur 3.2: L-integrazzjoni sħiħa tal-kapaċità eżistenti mir-riżerva tal-Unjoni permezz tal-integrazzjoni tal-infrastruttura tal-art tal-GOVSATCOM

4. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (b):

   Indikatur 4.1: L-għadd annwali ta' qtugħ kbir fin-networks tat-telekomunikazzjoni fl-Istati Membri minħabba sitwazzjonijiet ta' kriżi mmitigat mis-servizzi governattivi offruti mis-sistema ta' konnettività sigura

   Indikatur 4.2: Is-sodisfazzjon tal-utenti awtorizzati mill-gvernijiet bil-prestazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura mkejjel permezz ta' stħarriġ annwali

   Indikatur 4.3: Il-validazzjoni u l-akkreditazzjoni ta' protokolli differenti għat-teknoloġiji u l-komunikazzjoni

5. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (c):

   Indikatur 5.1: L-għadd ta' satelliti fl-orbita u funzjonali meħtieġa għall-funzjonament tal-EuroQCI

6. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (d):

   Indikatur 6.1: L-għadd ta' satelliti għal kull slot orbitali fl-2025, l-2026 u l-2027

7. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (e):

   Indikatur 7.1: L-infrastruttura governattiva u s-servizzi governattivi relatati li kisbu akkreditazzjoni tas-sigurtà

   Indikatur 7.2: L-għadd annwali u s-severità tal-impatt ta' inċidenti ċibernetiċi u l-għadd ta' disturbi elettromanjetiċi relatati mas-sistema ta' konnettività sigura (ikklassifikati)

8. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (f):

   Indikatur 8.1: L-għadd ta' subsistemi satellitari, inkluż tagħbijiet utli, li jservu komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni

9. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (g):

   Indikatur 9.1: L-għadd ta' negozji ġodda, ta' SMEs u ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja involuti fil-Programm u l-perċentwali relatati tal-valur tal-kuntratti

   Indikatur 9.2: Il-perċentwal globali tal-valur tal-kuntratti sottokuntrattati mill-offerenti ewlenin lill-SMEs għajr dawk affiljati mal-grupp tal-offerent, u s-sehem tal-parteċipazzjoni transfruntiera tagħhom

   Indikatur 9.3: L-għadd ta' Stati Membri li minnhom huma involuti negozji ġodda u SMEs fil-Programm

10. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (h):

    Indikatur 10.1: L-għadd ta' utenti ġodda tal-komunikazzjoni bis-satellita f'żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni

    Indikatur 10.2: Il-perċentwal tad-disponibbiltà ġeografika tas-servizzi meħtieġa f'żoni ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni

    Indikatur 10.3: L-għadd ta' pajjiżi fejn il-broadband bis-satellita huwa disponibbli għall-konsumaturi

11. L-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (i):

    Indikatur 11.1: L-impronta tal-gassijiet serra għall-iżvilupp, il-produzzjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm

    Indikatur 11.2: L-għadd ta' satelliti attivi, satelliti dekummissjonati u satelliti rkuprati

    Indikatur 11.3: L-għadd ta' residwi spazjali ġġenerati mill-kostellazzjoni

Indikatur 11.4: L-għadd ta' inkontri mill-qrib

Indikatur 11.5: Id-*data* dwar l-effimeri tas-satelliti kondiviża mal-konsorzju tal-SST tal-UE

Indikatur 11.6: Il-miżura xierqa tal-effett tar-riflessjoni tad-dawl fuq osservazzjonijiet astronomiċi

Saru żewġ dikjarazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-att li jistgħu jinstabu fil-ĠU C 101, 17.3.2023, p. 1 u fil-link(s) li ġej/ġejjin: .....